
Ġejjieni fis-Sod
għal Uliedna

**Werrej**

**Diskors tal-Baġit 2007** **Paġna**


| | |
|---|---|
| Daħla | 3 |
| • Kif Sawwarna dan il-Baġit | 6 |
| • L-Isfidi li Ffaċċjajna | 7 |
| • Ħarsa lejn il-Qagħda Ekonomika | 9 |
| Żviluppi Ekonomiċi Internazzjonali | 9 |
| L-Isfida tal-Globalizzazzjoni | 10 |
| Il-Politika Ekonomika tal-Gvern | 11 |
| Lejn Pajjiż Aktar Produttiv | 12 |
| Settur Pubbliku li Jgħin u Jirrendi | 13 |
| Il-Qagħda tal-Ekonomija Maltija | 13 |
| - Is-Settur tat-Turiżmu | 14 |
| - Is-Settur tal-Manifattura | 14 |
| - Il-Kummerċ Barrani | 15 |
| - Investiment Barrani | 16 |
| - L-Inflazzjoni | 16 |
| - Il-Ħolqien tax-Xogħol | 16 |
| **Ħarsa lejn l-2006** | 19 |
| **Flimkien Nibnu Ġejjieni fis-Sod għal Uliedna** | 36 |
| • Qagħda Finanzjarja ta' Pajjiżna għall-2007 | 36 |
| Edukazzjoni u Taħriġ | 40 |
| Edukazzjoni Obbligatorja | 41 |
| Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla | 42 |
| • Inkomplu Nkabbru l-Ekonomija u Noħolqu x-Xogħol | 44 |
| L-Ewro | 44 |
| Investiment Barrani | 44 |
| L-Istrateġija tal-Gvern għall-Industrija | 46 |
| Tekonoloġija tal-Informazzjoni | 46 |
| Riċerka u Innovazzjoni | 47 |
| Turiżmu | 47 |
| Eżenzjoni mill-Ħlas tal-VAT fuq Attivitajiet Kulturali | 49 |
| Host Families | 49 |
| Servizzi Finanzjarji | 50 |

Is-Settur tan-Negozji Żgħar u Medji 50
Venture Capital 51
Riforma fil-Portijiet 51
Titjieb fir-Regolamentazjoni 52

- Għawdex 55

- Lejn Soċjetà li Tħaddan lil Kulħadd 57
    Is-Saħħa u l-Kura fil-Komunità 57
    Servizzi Soċjali Personalizzati u l-Qasam tad-Diżabilità 59
    Il-Qasam tad-Djar 61

- Ambjent 63
    Waste Management 65
    Programm ta' Żvilupp Rurali 66
    Sajd 67
    Toroq 67

- Fondi mill-Unjoni Ewropea 68

- Inċentivi biex Inkattru x-Xogħol, il-Ħolqien tal-Ġid u Miżuri Oħra 70
    Beneficcju ta' l-Energija u Incentivi għall-Konservazzjoni ta' l-Enerġija 71
    Bdil fis-Sistema ta' Kif Tiġi Kkomputata il-Kontribuzzjoni Soċjali fuq l-Impjieg Part-Time 71
    Miżuri biex ighinu lil Familja fir-Responsabiltajiet tagħha 72
    Reviżjoni fil-bands tat-taxxa 73
    Għajnuna Supplementari 78
    Taxxa fuq l-Ivjaġġar bl-Ajru 78
    Pensjoni tad-Diżabilità Severa 78
    Pensjoni tar-Romol 79
    Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti 79
    Securitisation 80
    Kumpens għal Għoli tal-Ħajja 81

**Ħarsitna 'l Quddiem** 82

Mr. Speaker,

Ilħaqna l-miri li stabbilejna. Qed inġibu l-finanzi ta' pajjiżna fis-sod. L-ekonomija reġgħet qabdet ritmu tajjeb. Qed jinħolqu eluf ta' impjiegi ġodda. Sostnejna żviluppi kbar fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fil-qasam soċjali.

Dan huwa dak li akkwista l-poplu Malti u Għawdxi kollu bil-ħidma determinata tagħna fl-aħħar snin.

Illejla, f'isem il-Gvern li jien immexxi, irrid inwassal messaġġ ta' gratitudni, kuraġġ u direzzjoni ċara.

Il-Baġit li qed inressaq illejla quddiem din il-Kamra għandu għan wieħed u ċar: dak li jiżgura ġejjieni fis-sod għalina u għal uliedna.

Mr. Speaker,

Matul l-aħħar ġimgħat għamilna sforz ġenwin biex nisimgħu, biex niddiskutu u biex niflu fil-fond ix-xewqat, l-idejat u l-aspirazzjonijiet ta' kulħadd.

Issa, fassalna dan il-Baġit. Ħsiebna huwa li filwaqt li nibnu fuq il-baġits tas-snin li għaddew, inkomplu naħdmu, b'ħilitna kollha ħalli nilħqu l-miri ambizzjużi li poġġejna għal pajjiżna. Irridu

- ninvestu kemm nifilħu fl-edukazzjoni ta' uliedna u ta' kull wieħed u waħda minna, kif ukoll fir-riċerka u l-innovazzjoni;

- nagħmlu qabża ta' kwalità fis-servizzi tas-saħħa tagħna bil-ftuħ ta' l-Isptar Mater Dei;

- intejbu l-ambjent tagħna fit-totalita tiegħu;

- inkomplu nsaħħu l-finanzi u l-ekonomija ta' pajjiżna;

- naġġustaw it-taxxi u nieħdu miżuri oħra biex ninċentivaw ix-xogħol, waqt li kulħadd igawdi minn dak li pajjiżna rnexxielu jakkwista;

- inwasslu lil pajjiżna għall-Ewro, pass ieħor importanti fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna; u

- nagħmlu l-aħjar użu mill-Fondi li rnexxielna niksbu għal Malta u Għawdex mill-Unjoni Ewropea.

Mr. Speaker,

Dan huwa baġit magħmul minn nies għan-nies.

Il-bniedem, irrid ngħid kull bniedem, huwa ċ-ċentru u l-għan tal-ħidma tagħna. Aħna m'għandna ebda ideoloġija jew klassi. Il-bidu u t-tmiem tal-ħidma kollha tagħna huwa il-bniedem. L-ekonomija, il-kummerċ, l-edukazzjoni, il-liġijiet, il-miżuri fiskali, it-teknoloġija, l-Ewro, l-Unjoni Ewropea – biex insemmi ftit eżempji – mhumiex għan fihom infushom iżda huma għodda għas-servizz tal-poplu tagħna.

Aħna l-politiċi niswew biss skond kemm nużaw din l-għodda bil-għaqal u b'impenn sabiex intejbu l-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin kollha.

Fit-tħaddim ta' din l-għodda, irridu nagħrfu li għalkemm ilkoll għandna l-istess dinjità, il-bżonnijiet tagħna mhumiex l-istess. Waqt li nħarsu d-dinjità ta' kull wieħed u waħda minna, irridu nagħtu preferenza lill-ħarsien ta' dawk li huma l-aktar dgħajfa u allura għandhom bżonn aktar attenzjoni biex jgħixu d-dinjità tagħhom. Il-bniedem iseddaq il-valur tiegħu mit-tħaddim tas-solidarjetà ma' l-oħrajn. Is-solidarjetà mhiex *slogan* iżda mod ta' ħajja. Mingħajr in-nisġa tar-relazzjonijiet ma' l-oħrajn niftaqru. Il-progress ekonomiku u soċjali jimxu id f'id.

Kull bniedem għandu ħtiġijiet li jridu jiġu sodisfati mingħajr dewmien, iżda ma nistgħux inħallu l-immedjat jagħmina għall-ħtiġijiet li ser ikollna għada, kemm aħna kif ukoll uliedna. Biex ikollna preżent tajjeb irid

ikollna moħħna mistrieħ minn ġejjieni fis-sod, bi Gvern li jħaddan politika serja u kredibbli u li ma jintrebaħx mit-tentazzjoni għas-sodisfazzjon immedjat.

Fil-bini ta' soċjetà li tixraq aktar lill-bniedem u b'ġejjieni aktar fis-sod għandhom sehem ewlieni s-sħab soċjali u l-membri tas-soċjetà ċivili li jinkludu l-għadd dejjem jikber ta' għaqdiet volontarji, għaqdiet professjonali, u *unions*. Aħna nagħrfu dan is-sehem, ninkurraġġuh u nistennewh. Il-Gvern waħdu, il-politika waħedha, il-burokrazija amministrattiva, is-servizzi li nagħtu, ma jistgħux jagħtu lis-soċjetà dak li jingħata fil-familja, mill-komunità, mill-Kunsilli Lokali, u fl-impenn volontarju. Dawn kollha huma sħab importanti fil-bini u-t-tisħiħ tas-soċjetà Maltija.

Biex nagħtu servizz siewi fil-bini ta' ġejjieni fis-sod, irridu nagħrfu x-xewqat, il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-Maltin u l-Għawdxin kollha. Imma fl-aħħar mill-aħħar il-Gvern għandu wkoll responsabbilità li, wara li jisma', jikkonsulta u jiddiskuti, jagħti direzzjoni.

Dan il-Baġit jagħti d-direzzjoni neċessarja biex bis-sehem ta' kulħadd jintlaħqu l-miri li semmejt.

## Kif Sawwarna dan il-Baġit

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern poġġa l-proċess ta' smiegħ u djalogu fil-qalba tat-tfassil ta' dan il-baġit. Minn Jannar, bdejna bil-laqgħat tad-djalogu dwar kif l-aħjar nużaw it-805 miljun Ewro mill-Unjoni Ewropea. Fil-bidu t'Awissu ppubblikajna d-Dokument ta' Qabel il-Baġit. Għat-tieni darba l-Gvern, wera x'qed jaħseb dwar il-Baġit. Iddiskutejna ma' l-għaqdiet ta' min iħaddem u l-*unions*. Bagħtna l-punti ewlenin fid-djar kollha. Eluf bagħtulna l-proposti tagħhom. Saru wkoll laqgħat apposta biex inkomplu nisimgħu u niddjalogaw.

Nista' ngħid li ħarġu ħafna ideat u proposti. Dawn għenuna nifhmu aħjar l-aspirazzjonijiet tal-poplu tagħna. Irriflettejna ħafna fuq dak li smajna. Rajna x'possibbli li jsir. Analizzajna l-impatt tiegħu. Issa wasalna għal dak li qed inressaq illejla.

Nixtiequ li nistgħu nilqgħu x-xewqat ta' kulħadd. Iżda inqisu li nkunu qed nonqsu bil-kbir jekk nagħtu mqar pass wieħed li jipperikola t-tisħiħ tal-finanzi ta' pajjiżna. Li nipperikolaw dak li l-poplu Malti rnexxielu jakkwista b'tant ħidma. Għalhekk dan huwa Baġit kawt u li jasal biss sa fejn nistgħu naslu s'issa.

## L-Isfidi li Ffaċċjajna

Mr. Speaker

Is-sena li għaddiet konna wegħdna li rridu nibnu fuq ħilitna, il-ħiliet tal-Maltin u l-Għawdxin. Stinkajna kemm flaħna biex flimkien nibnu l-ġejjieni fis-sod. Kellna sfidi u diffikultajiet li ħafna drabi ġew fuqna minn barra xtutna. Sodisfatt li grazzi għall-ħila u l-ħidma tal-Maltin u l-Għawdxin ir-rota qed iddur u beda ġej il-frott. Irridu li, pass pass – biex ma nħarbtux dak li bnejna – dan il-frott jibda jasal għand il-poplu tagħna.

Ma jfissirx li ma kellniex affarijiet li weġġgħulna rasna.

L-għoli tal-prezz taż-żejt ġab miegħu pressjoni fuq il-prezzijiet ta' diversi prodotti u servizzi li nużaw. Nafu li s-*surcharge* nħasset mill-familji tagħna u mill-industriji tagħna. Iż-żieda fil-prezz taż-żejt li kellna fis-sena 2006, fissret nefqa ta' madwar Lm48 miljun aktar mis-sena 2005. Mingħajr din il-problema, il-mira ta' sostenibilità finanzjarja konna nilħquha b'ħafna anqas sagrifiċċji. Kien ikollna aktar minn nofs miljun lira iżjed fil-ġimgħa x'nonfqu fuq titjib fil-ħajja tal-poplu tagħna.

Sfida oħra kienet dik ta' l-immigrazzjoni illegali. Sa ftit ilu konna inqisuha problema ta' pajjiżi oħra. Illum qed tolqot lilna wkoll. Din hija sfida kbira li ma nistgħux inġorru weħidna. Irnexxielna nipperswadu lill-Unjoni Ewropea tidħol magħna u tgħinna. Imma jidhrilna li fadal ħafna xi jsir. Fil-fatt għada fil-għodu se mmur il-Fillandja għal *summit* tal-mexxejja tal-Unjoni Ewropea li fost l-oħrajn se niddiskutu l-immigrazzjoni illegali.

It-tibdiliet fix-xejriet turistiċi kienu sfida oħra mhux żgħira. Meta fil-bidu ta' din is-sena kien qed jidher li ma konniex se nilħqu l-miri li poġġejna quddiemna fit-turiżmu, kellna nsibu l-finanzjament li kien hemm bżonn biex ninċentivaw il-linji tal-ajru *low cost* ħalli jidħlu għal rotot ġodda lejn

pajjiżna. Dan għamilnieh wara konsultazzjoni estensiva mas-setturi involuti.

Kellna wkoll l-għeluq ta' żewġ fabbriki li bejniethom fissru t-telfien 'l fuq minn elf impjieg. Madanakollu l-ekonomija tagħna rnexxielha toħloq impjiegi biżżejjed biex il-qagħad illum huwa bejn wieħed u ieħor fl-istess livell tas-sena li għaddiet. Anzi lħaqna l-ogħla numru ta' nies jaħdmu bi qliegħ. Illum s-sitwazzjoni tax-xogħol hija ħafna aħjar milli sibniha fl-1998 anzi hija fost l-aħjar f'dawn l-aħħar tmien snin. Dan mhux biżżejjed. Aħna nqisu li sakemm jibqa' persuna waħda li b'mod ġenwin tkun qed tfittex ix-xogħol, l-isfida tkun għadha magħna.

# Ħarsa lejn il-Qagħda Ekonomika

## Żviluppi Ekonomiċi Internazzjonali

Mr. Speaker,

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-*Economic Survey*.

Għalkemm pajjiżna huwa gżira, aħna m'aħniex pajjiż iżolat u dak li jiġri f'kull rokna tad-dinja jaffetwana. Għalhekk f'Tabella Numru 1, li qed nitlob lil Kamra tieħu bħala moqrija, qed nagħti rendikont qasir tal-ekonomija internazzjonali.

Tabella 1: Ekonomija Internazzjonali

Fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena l-ekonomija dinjija kibret b'ritmu kemmxejn mgħaġġel. Minkejja li dan ir-ritmu ta' tkabbir jidher li kkalma xi ftit fit-tieni nofs tas-sena, l-ekonomija dinjija mistennija tirreġistra rata ta' tkabbir ta' 5.5 fil-mija matul din is-sena. Fuq livell Ewropew, l-ekonomiji li qegħdin fiż-żona tal-Ewro u, speċjalment l-ekonomiji l-kbar, komplew jirkupraw matul din is-sena wara bidu kemmxejn kajman aktar kmieni. Għaldaqstant, l-aħħar indikazzjonijiet juru li l-ekonomija fiż-żona tal-Ewro mistennija tikber bi 2.5 fil-mija.

L-irkuprar tal-ekonomija dinjija u speċjalment ta' dawk il-pajjiżi li Malta taħdem magħhom għen u mistenni jkompli jgħin l-ekonomija Maltija.

Għas-sena li ġejja hemm tbassir li l-ekonomija dinjija ser taħdem b'ritmu kemmxejn aktar kajman minn din is-sena. Dan it-tbassir jgħodd ukoll għal ħafna mill-ekonomiji avvanzati li magħhom Malta għandha rabtiet kummerċjali mill-qrib.

Matul din is-sena l-ekonomija dinjija kompliet topera fid-dell tar-riskji li ġejjin mill-iżbilanċi finanzjarji fuq livell dinji u l-inċertezzi ġodda dwar l-andament tal-ekonomija Amerikana kif ukoll mill-inċertezzi kontinwi maħluqa mill-instabbiltà ġeo-politika u mit-theddid tat-terroriżmu u l-mard. Iżda fuq kollox, l-ekonomija dinjija din is-sena kompliet tintlaqat bil-kbir mill-prezzjiet dejjem ogħla għaż-żjut u għal diversi prodotti essenzjali u ta' materja prima oħra. Dawn l-iżviluppi rriżultaw f'livelli ta' inflazzjoni ogħla għal ħafna pajjiżi fosthom tagħna.

## L-Isfida tal-Globalizzazzjoni

Il-proċess tal-globalizzazzjoni qiegħed joħloq sfidi kbar għal kulħadd, inkluż għal pajjiżna. Madanakollu, aħna nqisu l-globalizzazzjoni bħala opportunità. Pajjiżna ilu jgħix f'ambjent ekonomiku miftuħ. Fis-snin li għaddew, ħdimna b'moħħna u b'ħilitna u nistgħu ngħidu li morna tajjeb. Issa rridu nkomplu nibnu fuq dak li ksibna, waqt li nirristrutturaw l-ekonomija tagħna lejn setturi ta' valur miżjud għoli.

Dan il-punt huwa spjegat f'iktar dettal f'Tabella Numru 2 li nitlob lill-Kamra tieħu b'moqrija.

Tabella 2: L-Isfida tal-Globalizzazzjoni

L-ekonomija dinjija qegħda tkompli tinbidel b'ritmu mgħaġġel. Il-kompetizzjoni fis-swieq dinjin żdiedet bil-kbir. L-impjiegi saru jinħolqu u jintilfu ferm aktar malajr minn qatt qabel. L-istess jista' jingħad għall-ideat u l-moviment tal-kapital. Fl-istess ħin, qegħdin jinħolqu intrapriżi u industriji ġodda li jitolbu ħaddiema mħarrġa sewwa. Il-ħolqien tal-ġid sar jiddependi ferm aktar mill-krejattività u l-innovazzjoni. Għaldaqstant sabiex l-ekonomija tagħna tkun kompetittiva hemm bżonn li nkunu aktar innovattivi, imħarrġa aħjar u aktar intraprenditorjali.

Il-pajjiżi żviluppati kollha qegħdin jaraw tibdil sostanzjali fl-istrutturi ekonomiċi tagħhom. Mhux l-anqas aħna. Rajna setturi jmajnaw jew jogħsfru u setturi oħra jinħolqu u jikbru. Huwa tajjeb illi nifhmu sewwa r-realtà ta' madwarna sabiex nindukraw u nsostnu dak li tassew jista' jaħdem fostna u nilqgħu b'kuraġġ l-isfidi kontinwi li d-dinamiżmu ekonomiku dinji qiegħed iġibna wiċċ'imb'wiċċ miegħu.

Irridu nkomplu nirristrutturaw sabiex inkomplu nilqgħu għall-forzi tas-swieq dinjin, intejbu l-investiment u għaldaqstant inkomplu ntejbu r-ritmu u t-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna. Għalhekk l-enfasi tagħna fuq it-taħriġ, l-innovazzjoni, l-investiment u l-intrapriża, għaliex għarafna li fil-kuntest dinji tal-lum jirbaħ min b'kuraġġ huwa lest li joħloq l-ambjent meħtieġ għal u jinvesti f'dawn l-oqsma.

## Il-Politika Ekonomika tal-Gvern

L-istabbilità makro-ekonomika hija meħtieġa għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi. Fuq kollox, ambjent ekonomiku stabbli jnaqqas ir-riskji għan-negozju filwaqt li jixpruna l-investiment fil-pajjiż. Għal dan il-għan il-Gvern se jkompli jinsisti u jaħdem sabiex pajjiżna jkollu rata ta' inflazzjoni baxxa u stabbli u politika fiskali li tassigura li l-finanzi pubbliċi jkomplu jitpoġġew fuq sisien dejjem aktar sodi. Dan sabiex il-politika fiskali tagħna tkun tista', meta bżonnjuż u possibbli, tintuża sabiex tinfluwenza ċ-ċiklu ekonomiku f'pajjiżna u sservi ta' għajnuna u sostenn għall-politika monetarja tagħna.

Qed nosservaw rigorożament ir-regoli tal-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir għaliex pajjiżna hekk għandu bżonn u hekk jistħoqqlu.

Iċ-ċaqliq tal-prezzjijiet l-istabbilità tagħhom qiegħed jiġi segwit mill-qrib sabiex inħarsu kemm lil min jiflaħ l-anqas kif ukoll il-kompetittività ta' pajjiżna. Fl-istess ħin qegħdin nisħqu li ż-żidiet fil-pagi jsiru skond kif jippermettu ż-żidiet fil-produttività fl-ekonomija tagħna.

Fil-qasam tal-finanzi pubbliċi sar u għadu qiegħed isir ħafna sabiex nassiguraw is-sostenibilità tagħhom. Filwaqt li qegħdin nisħqu li għandu jinġabar dak li huwa dovut lill-Gvern, qegħdin nagħmlu l-almu tagħna sabiex naqtgħu l-ħela u nrażżnu l-infiq pubbliku. Fil-fatt, l-infiq pubbliku, minbarra dak f'oqsma bħas-saħħa, il-pensjonijiet, is-servizzi soċjali u l-edukazzjoni, qiegħed jew jitnaqqas jew inkella jinżamm fl-istess livell tas-sena li qegħdin fiha.

Il-politika konsistenti, ċara u ċerta ta' dan il-Gvern qed twassal għall-istabbiltà li twassal għal aktar żvilupp. Konna u għadna konsistenti fl-istrateġija tagħna għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiż u dwar ir-rwol ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Issa qegħdin naħdmu sabiex nagħmlu l-pass loġiku li jmiss għal pajjiżna fi ħdan l-Unjoni Ewropea: dak li ndaħħlu l-Ewro mill-1 ta' Jannar 2008. Nemmnu li dan il-pass huwa sinjal ieħor importanti fit-treġija ekonomika ta' pajjiżna. Huwa pass li għandu jżid l-istabbilità għaliex inaqqas ir-riskji, jiftaħ orizzonti u opportunitajiet ġodda għal min irid jaħdem f'pajjiżna.

## Lejn Pajjiż Aktar Produttiv

Il-Gvern se jkompli jinsisti fuq it-titjib kontinwu fil-produttività ta' pajjiżna. Għandna nużaw ir-riżorsi limitati tagħna b'mod tajjeb u effettiv għall-ġid tal-poplu tagħna.

L-istrateġija tagħna hija bbażata fuq żewġ pilastri. L-ewwel, fuq iż-żamma ta' ambjent makro-ekonomiku stabbli li jgħin u jħalli lill-poplu u lill-intrapriżi tagħna jinvestu għall-futur. It-tieni nagħmlu r-riformi li jgħinu sabiex is-swieq tagħna jaħdmu b'aktar effiċjenza.

Għalhekk irridu aktar investiment, iżjed edukazzjoni u taħriġ, aktar riċerka u innovazzjoni, kultura aktar intraprenditorjali, kompetizzjoni ġusta u trasparenti fis-swieq tagħna u aktar produttività mis-settur pubbliku.

## Settur Pubbliku Li Jgħin u Jirrendi

Is-settur pubbliku huwa parti essenzjali mill-infrastruttura governattiva, ekonomika u soċjali tal-pajjiż. Irridu settur pubbliku dinamiku, aġġornat u sensittiv għall-bidliet li jkunu qegħdin iseħħu fil-pajjiż u fid-dinja. Settur pubbliku li jilqa' għall-ħtiġijiet ta' pajjiżna tagħna huwa bażi importanti għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali li rridu għal pajjiżna.

Is-settur pubbliku għandu isarraf l-investiment u l-fiduċja tal-Gvern u jkompli jsir aktar kompetittiv. Il-Gvern se jkompli jisħaq u jippretendi aktar valur għal dak li qiegħed jintefaq u għal titjib fil-produttività ta' dan is-settur sabiex ikompli jixpruna l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-poplu tagħna. Nemmnu li s-settur pubbliku għandu jkun mutur ieħor li jgħinna nsiru pajjiż aktar kompetittiv. Dawn huma l-prinċipji li ggwidaw lill-Gvern fin-negozjati tal-ftehim kollettiv li ġie ffirmat f'Ottubru tas-sena li għaddiet u li jkopri perjodu ta' sitt snin.

## Il-Qagħda tal-Ekonomija Maltija

Fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena l-ekonomija Maltija kibret b'2.6 fil-mija, f'termini reali, fuq l-istess perjodu tas-sena li għaddiet. Dan it-tkabbir huwa d-doppju tas-sena li għaddiet. L-ekonomija Maltija issa reġgħet qabdet rankatura ġmielha. Dan ir-riżultat pożittiv inkiseb minkejja l-kompetizzjoni sfrenata fis-swieq internazzjonali, l-instabbiltà ekonomika internazzjonali u l-prezzijiet taż-żejt.

Kważi s-setturi ekonomiċi kollha urew titjib meta pparagunati ma' l-ewwel sitt xhur tas-sena li għaddiet. Ċerti setturi bħal dawk tat-trasport u l-komunikazzjoni u s-settur finanzjarju kibru b'rata sostanzjali. Oħrajn kibru b'rata daqsxejn iżgħar iżda sodisfaċenti. Is-settur tal-lukandi u r-ristoranti naqqas il-valur miżjud tiegħu b'ammont żgħir.

Matul dan il-perjodu, l-investiment f'bini u makkinarju żdied b'7.4 fil-mija fuq is-sena li għaddiet għal aktar minn Lm210 miljun. Investiment qawwi li juri l-fiduċja dejjem tikber fl-iżvilupp tal-ekonomija Maltija.

Fl-istess żmien, id-dħul tal-ħaddiema tagħna żdied b'aktar minn Lm13-il miljun jew 3 fil-mija u laħaq l-Lm461 miljun. In-negozji tagħna żiedu l-qliegħ tagħhom bi kważi Lm26 miljun għal kważi Lm388 miljun.

**Is-Settur tat-Turiżmu**

Fl-ewwel tmien xhur tas-sena, in-numru ta' turisti lejn pajjiżna niżel b'29,800 għal 767,836 waqt li l-medja ta' ljieli li t-turisti għaddew f'pajjiżna, tela' għal 9.8. In-numru ta' passiġġieri li żaru pajjiżna fuq *cruise* żdied b'iżjed minn 31 fil-mija. Il-qligħ gross mit-turiżmu żamm l-istess livell tas-sena li għaddiet. Fil-fatt, fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, il-qligħ mit-turiżmu ġie stmat li kien ta' ‘l fuq minn Lm101 miljun. Dan ifisser li, ras għal ras kull turist nefaq madwar Lm215, żieda ta' madwar Lm6 fuq is-sena li għaddiet.

Filwaqt li nirrikonoxxu l-isfidi li għaddej minnhom it-turiżmu f'pajjiżna, ikun żball jekk inpinġu s-sitwazzjoni agħar milli hi. Nemmnu li l-vijabbiltà tas-settur għadha hemm u għalkemm irridu naħdmu aktar sabiex niksbu riżultati aħjar, għandna pedament sod biżżejjed fuqhiex inkomplu nibnu. Determinati li nagħmlu dak kollu li hemm bżonn sabiex is-settur turistiku jegħleb l-isfidi li għandu quddiemu u jkabbar il-kontribut tiegħu lejn l-ekonomija Maltija. Diġà għamilna ħafna. Investejna bil-kbir biex intejbu l-prodott turistiku tagħna, speċjalment fil-wirt storiku u kulturali ta' pajjiżna, kif ukoll fl-ambjent. Hekk se nkomplu nagħmlu. Iżda, sabiex niksbu r-riżultati mixtieqa, jinħtieġ illi kulħadd jiġbed ħabel wieħed u jagħti l-kontribut tiegħu. Il-prodott turistiku jiddependi minn kulħadd.

**Is-Settur tal-Manifattura**

Wara l-iskossi li kellna fis-settur tal-manifattura s-sena li għaddiet, dan is-settur tant bżonnjuż għal pajjiżna reġa' beda jirpilja u jikber. Il-bejgħ

mill-intrapriżi l-kbar żdied b'aktar minn 8 fil-mija għal kważi Lm495 miljun fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet. L-investiment fis-settur żdied bi kważi 30 fil mija għal aktar minn Lm31 miljun. Sinjal pożittiv li juri fiduċja fil-vijabbiltà ta' dan is-settur. Fuq kollox, il-qligħ medju tal-ħaddiema mpjegati fis-settur tal-manifattura tela' b'aktar minn Lm7 fil-ġimgħa għal kważi Lm125 fil-ġimgħa.

Mr. Speaker,

Ir-ristrutturar li għadda u li għadu għaddej minnu dan is-settur produttiv qiegħed jirrendi.

Fabbriki eżistenti qegħdin ikomplu jinvestu u żiedu l-produzzjoni tagħhom. Setturi ġodda, bħal dak tal-farmaċewtika, qegħdin ikomplu jikbru. Illum dawn qegħdin ibiegħu mal-Lm30 miljun fis-sena u qed jimpjegaw mat-800 persuna.

Id-dinamiżmu li għaddej minnu s-settur tal-manifattura jrid jiġi sostnut b'kull mod. Il-Gvern jemmen illi f'pajjiżna hemm lok għal settur tal-manifattura li huwa indirizzat lejn il-produzzjoni ta' prodotti b'valur miżjud għoli sabiex pajjiżna jkun jista' jikkompeti tajjeb fis-swieq internazzjonali. Kif wegħdna fid-Dokument ta' Qabel il-Baġit, illum il-Gvern qed jippublika dokument ta' politika industrijali li jġedded u tirfina l-istrateġija tiegħu għal dan is-settur.

**Il-Kummerċ Barrani**

Fl-ewwel tmien xhur ta' din is-sena, l-importazzjoni f'pajjiżna żdiedet b'aktar minn Lm129 miljun għal kważi Lm965 miljun. Fl-istess perjodu, l-esportazzjoni żdiedet b'aktar minn Lm65 miljun għal aktar minn Lm593 miljun. L-iżbilanċ kummerċjali ma' barra żdied b'aktar minn Lm64 miljun minħabba importazzjoni akbar ta' provvisti industrijali u oġġetti ta' natura kapitali. Eventwalment ħafna minn dawn ser ikun esportati, li

allura jfisser aktar tkabbir ekonomiku. Din iż-żieda ġejja wkoll miż-żieda fl-infiq għax-xiri taż-żjut bi prezzijiet ogħla.

**Investiment Barrani**

Fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, l-investiment barrani f'pajjiżna kien ta' Lm312-il miljun, jiġifieri Lm212 miljun aktar mill-istess perjodu s-sena l-oħra u saħansitra Lm127 miljun aktar mis-sena l-oħra kollha kemm hi!

Dawn iċ-ċifri jitkellmu waħedhom; il-politika tagħna qegħda tħalli r-riżultati. Pajjiżna huwa wieħed kredibbli b'politika serja. Qed niġbdu l-investiment barrani meħtieġ sabiex ikomplu jinħolqu l-impjiegi u l-ġid fil-pajjiż.

**L-Inflazzjoni**

Kif bassarna s-sena li għaddiet, l-inflazzjoni din is-sena ġiet imbuttata 'l fuq miż-żieda kbira fil-prezzijiet taż-żejt. Dawn iż-żidiet irriflettew ruħhom fl-indiċi tal-prezzijiet bl-imnut u allura fl-inflazzjoni li kellna matul din is-sena. Għaldaqstant, f'Settembru l-inflazzjoni laħqet it-3.42 fil-mija.

Issa jidher li l-prezzijiet taż-żejt bdew jikkalmaw xi ftit. Nittamaw li dak li rajna fl-aħħar ġimgħat iżomm. Filwaqt li huwa mbassar illi r-rata tal-inflazzjoni tibda nieżla lejn l-aħħar ta' din is-sena, il-Gvern qiegħed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jassigura li l-prezzijiet fis-swieq tagħna jkunu ġusti u trasparenti. Hawn irrid insemmi l-ftehim li l-Gvern laħaq ma' min jimporta l-mediċini u li diġà wassal biex jorħsu numru ta' mediċini f'pajjiżna. Dan il-ftehim jinkludi wkoll qbil fil-prinċipju dwar mekkaniżmu ta' trasparenza fil-prezzijiet tal-mediċini. Nittama li fil-ġimgħat li ġejjin dan il-mekkaniżmu jibda jaħdem.

**Il-Ħolqien tax-Xogħol**

Kif għidt fil-bidu tad-diskors tiegħi llejla, l-għan aħħari tagħna mhuwiex finanzi pubbliċi sodi u ekonomija b'saħħitha, iżda kwalità ta' ħajja tajba

għall-poplu tagħna u ġejjieni fis-sod. Ix-xogħol huwa ċavetta ewlenija. Ix-xogħol jagħti għixien u dinjità lill-ħaddiema u lill-familji tagħna.

Il-ħolqien tax-xogħol huwa prijorita' assoluta tagħna.

F'Ġunju lħaqna rekord ta' 146,498 persuna taħdem bi qligħ li minnhom 139,437 jaħdmu *full time*. Dan kollu ġara meta l-impjiegi fis-settur pubbliku niżlu. Tabella Numru 3 tispjega il-qagħda tas-suq tax-xogħol.

Tabella 3: Is-Suq tax-Xogħol

| | **2005 Ġunju** | **2006 Ġunju** | **Tibdil** |
|---|---|---|---|
| Forza tax-xogħol | 145,746 | 146,498 | +752 |
| Persuni li jaħdmu *full-time:* | 138,816 | 139,437 | +621 |
| fis-settur privat | 93,275 | 96,238 | +2,963 |
| fis-settur pubbliku | 45,541 | 43,199 | -2,342 |
| Persuni li jaħdmu għal rashom | 16,336 | 16,428 | +92 |
| Qgħad (l-1 parti) | 6,218 | 6,601 | +383 |
| | | | |
| Rata tal-qgħad | 4.3% | 4.5% | +0.2% |
| | | | |
| Persuni li jaħdmu *part-time* | 40,195 | 43,177 | +2,982 |

F'Ġunju, in-numru ta' persuni jirreġistraw fl-ewwel parti tar-reġistru kienu ta' 6,601. Ir-rata tal-qgħad kienet ta' 4.5 fil-mija. Għalkemm is-suċċess fil-ħolqien tax-xogħol jitkellem waħdu, nemmen li persuna waħda bla xogħol hija ħafna. Għalhekk il-Gvern immexxi minni ser jibqa' jistinka bla heda f'dan il-qasam.

Irrid nenfasizza l-investiment kbir tal-Gvern fil-qasam edukattiv sabiex jassigura u jgħin lil kull persuna takkwista dawk il-ħiliet li jgħinuha matul

il-ħajja tax-xogħol tagħha filwaqt li tibqa' relevanti għas-suq tax-xogħol. Irridu li l-qasam edukattiv u s-sistemi ta' taħrig tagħna jkunu aġġornati kontinwament sabiex il-ħaddiema tagħna jilqgħu għall-bidliet u l-ħtigijiet tas-suq tax-xogħol u jtejbu l-produttività fil-pajjiż. Huwa b'dan il-mod illi fid-dinja tal-lum nistgħu niżguraw ġejjieni fis-sod lill-ħaddiema tagħna u l-familji tagħhom.

## Ħarsa lejn l-2006

Mr. Speaker,

Ħarsa lejn is-sena li qegħdin fiha ma tkunx kompluta jekk ma nagħtix rendikont ta' numru ta' suċċessi.

## Qagħda Finanzjarja

Kif konna ħabarna s-sena li għaddiet, il-mira tal-Gvern kienet li d-*deficit* ta' din is-sena kellu jkun taħt it-3 fil-mija ta' dak li jiproduċi l-pajjiż, għal 2.8 fil-mija mit-3.9 fil-mija tas-sena li għaddiet.

B'sodisfazzjon nirrapporta lil din il-Kamra, li l-mira tal-Gvern intlaħqet u d-*deficit* din is-sena hu mistenni li jkun Lm57 miljun mill-Lm75 miljun tas-sena li għaddiet. Dan ifisser titjib ta' Lm21 miljun fuq is-sena li għaddiet. Tajjeb nenfasizza wkoll li meta jiġi rappurtat id-*deficit* skond ir-regoli tal-Unjoni Ewropea, id-*deficit* ta' din sena ser ikun ta' 2.6 fil-mija, jiġifieri Lm55 miljun.

Tabelli Numru 4 u 5, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija, juru r-riżultati finanzjarji għall-2006. Fl-aħħar tad-diskors qed nehmeż lis-*Statements* tad-Dħul u l-Infieq b'aktar dettalji.

Tabella Nru. 4

**IL-QAGĦDA FISKALI 2005 - 2006**

*Lm'000*

| | 2005 Attwali | | 2006 Approvat | | 2006 Rivedut | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Qagħda fil-Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul Totali | | 896,418 | | 951,546 | | 965,984 |
| Dħul minn Taxxi | 740,305 | | 785,281 | | 802,350 | |
| Dħul iehor | 156,113 | | 166,265 | | 163,634 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 840,738 | | 857,801 | | 873,184 |
| Spiża Rikurrenti | 765,974 | | 781,901 | | 796,000 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | 74,764 | | 75,900 | | 77,184 | |
| Surplus Rikurrenti | 55,680 | | 93,745 | | 92,800 | |
| Nefqa Kapitali | | 130,994 | | 148,602 | | 150,584 |
| Nefqa Totali | | 971,732 | | 1,006,403 | | 1,023,768 |
| *Deficit* Strutturali | | (75,314) | | (54,857) | | (57,784) |
| **Finanzjament** | | | | | | |
| Ħlas lura dirett ta' Self | (1,882) | | (100) | | (284) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Fund* | (11,938) | | (11,662) | | (11,602) | |
| Bilanċ fis-*Sinking Fund* ta' Stokk Konvertit | 3,837 | | 10,400 | | 10,400 | |
| Bejgħ ta' Assi | 21,791 | 11,808 | 136,000 | 134,638 | 74,200 | 72,714 |
| Ħtieġa ta' Self | | (63,506) | | 79,781 | | 14,930 |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanċ fl-1 ta' Jannar | (92,352) | | (51,315) | | (45,858) | |
| Self Lokali | 110,000 | 17,648 | 0 | (51,315) | 0 | (45,858) |
| Bilanċ fil-31 ta' Diċembru | | (45,858) | | 28,466 | | (30,928) |
| Aġġustamenti E.S.A.'95 | | 13,500 | | | | 3,184 |
| *Deficit* tal-Gvern Estiż | (61,814) | | | | (54,600) | |
| Prodott Gross Domestiku | 1,941,100 | | | | 2,056,900 | |
| *Deficit* Strutturali bħala % tal-Prodott Gross Domestiku | 3.88% | | | | 2.81% | |
| *Deficit* tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Gross Domestiku | 3.18% | | | | 2.65% | |

Tabella 5: Il-Qagħda Finanzjarja tal-Gvern

Id-Dħul tal-Gvern żdied b'Lm69 miljun, għal Lm965 miljun. Konferma tal-qagħda pożittiva li qed tgħaddi minnu l-ekonomija Maltija kienet iż-zieda fid-dħul mit-taxxi, jiġifieri minn sorsi dependenti fuq l-attività ekonomika tal-pajjiż. Tajjeb wieħed ifakkar li fil-Bagit tas-sena li għaddiet il-Gvern ma intruduċa l-ebda taxxa ġdida jew żied rati ta' taxxi eżistenti.

Il-ġbir mit-taxxa fuq id-dħul żdied b'Lm28 miljun. Fil-maġġor parti tiegħu, id-dħul ġie minn attività ekonomika akbar fl-oqsma kollha tal-ekonomija, inkluż id-dħul mill-ħaddiema. Dan irrifletta ruħu wkoll fiż-zieda sostanzjali ta' Lm14-il miljun li din is-sena kellna mid-dħul mill-bolla. Dan ġara għax kellna aktar nies qed jaħdmu din is-sena u żdied id-dħul mill-ħaddiema Maltin ras għal ras ta' b'aktar minn 5 fil-mija fuq is-sena li għaddiet. Id-dħul mit-taxxa tal-VAT żdied b'madwar Lm6 miljun fuq is-sena li għaddiet. Id-dħul attwali qed jidher xi ftit anqas minn dak previst. Dan ġara minħabba rifużjonijiet akbar li saru fuq proġetti kbar ta' kostruzzjoni mis-settur privat li d-dħul tagħhom kien mistenni li jsir din is-sena u minflok hu mistenni li jimmaterjalizza ruħu s-sena id-dieħla. F'dak li hu id-dħul ieħor, il-Gvern ukoll daħħal Lm7 miljun aktar, l-aktar minħabba dħul akbar min Fondi mill-Unjoni Ewropea u dak tal-Protokol Taljan.

F'dik li hija in-nefqa rikurrenti tal-Gvern, din żdiedet bi Lm33 miljun fuq is-sena li għaddiet. L-akbar żiedet kienu fuq il-pensjonijiet u servizzi soċjali ta' madwar Lm12-il miljun fuq is-sena li għaddiet. Il-Gvern ukoll ikkontribwixxa Lm5 miljun aktar għall-Fond tal-Kontribuzzjonijiet għas-Sigurtà Soċjali, riżultat taż-żieda aktar fid-dħul mill-impjiegi. Kellna żieda wkoll ta' Lm2 miljun għas-settur ta' l-anzjani. Lm3 miljuni aktar mis-sena l-oħra ngħataw lill-Korporazzjoni Enemalta, biex il-Gvern jerfa aktar mill-impatt taż-żieda fil-prezz taż-żejt. Kellna ukoll, kif previst, żieda fil-pagi tal-Gvern ta' madwar Lm4 miljun u żieda fir-rifużjonijiet ta' ħlas lura ta' taxxa ta' Lm5 miljun. Fl-aħħarnett, kellna wkoll żieda ta' Lm3 miljun interessi tal-Gvern minħabba l-fatt li l-programm ta' privatizzazzjoni ma mmaterjalizzax. kollu.

F'dak li hu l-investiment kapital, din is-sena kellna Lm20 miljun aktar mis-sena li għaddiet. Lm2 miljun aktar marru għall-qasam ta' l-Edukazzjoni, Lm2 miljun fil-qasam tat-turiżmu, Lm4 miljun għal Għawdex u Lm2 miljun għas-Saħħa, apparti l-investiment li qed isir fl-Isptar Mater Dei. Il-qasam ta' l-ambjent u l-agrikoltura gawda minn żieda ta' Lm7 miljun investiment aktar matul din is-sena, ċertifikat tal-impenn tal-Gvern għal dan is-settur. Kellna ukoll investiment akbar ta' madwar Lm4 miljun marbuta mat-tisfija tad-dranaġġ.

F'kull livell tal-edukazzjoni qed isir l-akbar investiment li qatt sar. Illum minn kull Lm100 li nipproduċu nonfqu Lm6 fuq l-edukazzjoni. U r-riżultati diġa bdew jidhru. Insemmi xi eżempji malajr: fl-aħħar ħames snin, in-numru ta' dawk li jitilqu mill-iskola qabel it-tmintax il-sena niżel b'10 fil-mija, iż-żgħażagħ f'korsijiet post-sekondarji u vokazzjonali żdiedu b'26 fil-mija; għandna 20,000 żgħażugħ u żgħażugħa jipparteċipaw f'diversi oqsma u livelli ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla. Pajjiżna għandu tassew għaliex ikun kburi li anke fi żmien ta' trażżin fl-ispiża pubblika xorta baqa' jinvesti bis-sħiħ fl-edukazzjoni.

L-istess nista' ngħid għall-qasam ta' l-ambjent f'pajjiżna. Mit-trattament ta' l-iskart għall-enerġija minn sorsi li jiġġeddu għat-tħawwil ta' siġar, għall-biedja u s-sajd, u moniteraġġ ta' l-arja. Pajjiżna llum qiegħed jindirizza dawn l-oqsma bis-serjeta' u bl-investiment qawwi li jirrikjedu.

Filwaqt li rnexxielna naslu għall-objettivi finanzjarji stretti li għamilna għalina tul din is-sena, xorta pajjiżna baqa' jsostni t-tessut soċjali u l-ispiża li jġib miegħu. Din is-sena biss, iż-żieda fil-pensjonijiet kienet ta' Lm10.8 miljun aktar mis-sena li għaddiet. Ma' dawn hemm il-firxa wiesgħa ta' benefiċċji soċjali oħra kif ukoll ix-xibka ta' servizzi soċjali personalizzati fil-qasam tad-djar, tfal, familja, persuni b'diżabilità, droga, *alcohol*, saħħa mentali, u ħafna aktar. Hawn ukoll, il-Gvern baqa' jsostni programm wiesgħa ta' solidarjetà. Barra minn hekk bdejna l-implimentazzjoni tar-riforma fil-pensjonijiet, riforma importanti li filwaqt li ma tolqot xejn lill-pensjonati tal-llum u dawk li waslu għall-pensjoni, tiżgura ġejjieni fis-sod għaż-żgħażagħ tagħna.

F'Għawdex għamilna progress sostanzjali fl-iżvilupp ta' l-infrastruttura fiżika u turistika. L-isfida prinċipali għal Għawdex tibqa' l-impjiegi fejn il-progress li rajna f'Malta ma ġiex reġistrat f'Għawdex. Il-Gvern qed jagħmel il-parti tiegħu bit-trasferiment għal Għawdex ta' kull xogħol ta' l-uffiċċju li jista' jsir Għawdex.

Tul din is-sena, ħdimna bla heda biex inkomplu nagħmlu suċċess mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. Malta kienet waħda mill-ewwel

Pajjiżi Membri Ġodda li kkommettiet il-Fondi Strutturali kollha tal-perjodu 2004 sal-2006 fi proġetti u aħna l-uniku pajjiż li kkommetta l-flus kollha tal-Fond ta' Koeżjoni. Mhux dan biss. Pajjiżna hu wieħed mill-ftit Pajjiżi Membri Ġodda li uża l-flus kollha għall-2006. Dan kollu sitt xhur qabel iż-żmien stipulat ta' Diċembru 2006. Mhux biss pajjiżna rnexxielu juża l-fondi kollha li kellu għad-disposizzjoni tiegħu qabel is-sħubija talli Malta gawdiet minn ħafna aktar fondi li pajjiżi oħra ma laħqux użaw. Illum nista' ngħid li tmienja u sebgħin proġett b'valur ta' madwar Lm50 miljun qed jitwettqu sabiex intejbu l-livell ta' l-għixien tal-poplu Malti u Għawdxi.

Rendikont aktar dettaljat ta' dawn l-aħbarijiet tajba jinstabu fit-tabelli numri 6 sa 10 t'hawn taħt li nitlob lil Kamra toħodhom bħala moqrija.

Tabella 6: Edukazzjoni

Ix-xogħol huwa mportanti għax jippermettilek tiekol illum. L-edukazzjoni hija mportanti għax tagħtik il-possibilità li tiekol aħjar għada. U għax nixtiequ li uliedna jkunu jistgħu jieklu aħjar minna ma xxaħħaħniex fl-infiq fuq l-edukazzjoni tagħhom. Minn kull 100 lira li jipproduċi l-pajjiż nonfqu 6 liri fuq l-edukazzjoni. B'kollox infaqna Lm109 miljun fuq l-edukazzjoni.

Barra dan, il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada nefqet 16.7 miljun lira sabiex uliedna jkollhom skejjel isbaħ u attrezzati aħjar.

L-isforzi tagħna wasslu sabiex uliedna jieħdu edukazzjoni aħjar u għalhekk ikunu jistgħu jiffaċċjaw aħjar l-isfidi ta' għada. Illum sitta minn kull għaxart itfal li joqogħdu għall-eżami tal-*Junior Lyceum* jgħaddu mill-eżami. Fl-1985, tlieta biss minn kull għaxra kienu jgħaddu mill-istess eżami. It-titjib fil-livell ta' l-edukazzjoni li jieħdu uliedna qed iħajjarhom biex ikomplu jistudjaw. Illum hemm 20,000 student jitgħallmu fil-livell post-sekondarju jew terzjarju. Għaxar snin ilu kien hemm 11,000 biss.

Biddilna s-sistema mill-qiegħ. Is-sistema ta' kulleġġi li daħħalna għandha tagħmel rivoluzzjoni fl-edukazzjoni. Uliedna issa jistgħu jagħżlu. Jekk ma jridux jew ma jistgħux imorru l-Università jistgħu jmorru l-MCAST. Hemm kważi 6,000 li għażlu li jagħmlu hekk u hemm ma' l-10,000 li għażlu l-Università.

Wara konsultazzjoni fit-tul fuq il-proposti mħabbra fid-dokument Biex Uliedna Jirnexxu Lkoll, il-Parlament f'Lulju li għadda approva l-proposti tal-Gvern biex jemmenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, Il-Ministeru u d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni matul din is-sena kellhom taħditiet u negozjati fid-dettal mal-*Malta Union of Teachers* dwar ir-riforma fil-qasam ta' l-edukazzjoni obbligatorja.

Filwaqt li l-oqsma u l-livelli ewlenin ta' l-edukazzjoni issa ġew eżaminati kważi kollha bħala bażi soda għar-riformi li qed iwettaq il-Gvern u saru rakkomandazzjonijiet għat-titjib tagħhom, diġa` bdew jittieħdu l-passi meħtieġa għat-twettiq ta' ħafna minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, xogħol li ser ikompli matul is-sena li ġejja.

Wara r-Rapport Spiteri, ittieħdu diversi miżuri bl-iskop li jibda l-proċess għat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet li għamel il-Grupp dwar l-edukazzjoni inklużiva u speċjali li issa qed jitmexxew mill-Koordinatur tan-*network*. L-iskejjel speċjali qed jiġu trasformati f'ċentri ta' riżorsi u ser jiġu riorganizzati biex iservu tfal u żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali skond l-eta`. Dan għandu jwassal biex is-sena d-dieħla tinħoloq faċilita` post-sekondarja u vokazzjonali għal żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali li ma jkunux jistgħu jkomplu l-iżvilupp tagħhom fl-MCAST jew fl-Universita`. Diġa` sar ħafna xogħol biex min jaħdem f'dan il-qasam, sew fl-iskejjel regolari kif ukoll fl-iskejjel speċjali, ikun imħarreġ aktar professjonalment u qed jittieħdu miżuri biex jiżdied in-numru ta' dawk li jitħarrġu fi speċjalitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' otiżmu, nuqqas ta' smigħ, nuqqas ta' vista, diffikultajiet multipli u severi fit-tagħlim, inkluż dawk konnessi ma' imġieba emozzjonali diffikultuża.

Wara r-rapport *Chalmers* u r-rapport dwar il-Kummissjoni għal Edukazzjoni Ogħla, komplew jittieħdu passi u qed isir l-investiment biex jissaħħu l-Universita` u l-MCAST. Waqqafna l-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla li qed topera mill-bini ta' l-Universita` fil-Belt. Waqt li sostnejna għal sena oħra l-*Youth Studies Specialisation Scheme* li nħaddmet flimkien ma' l-*APS Bank*, kien ukoll ta' sodisfazzjon kbir għalija li nagħti ċ-ċertifikati lill-ewwel grupp ta' ħamsa u tletin żagħżugħ u żagħżugħa li ntgħażlu biex ikomplu l-istudji tagħhom f'livell ta' *Masters* u *Ph.D* taħt il-*Malta Government Scholarship Scheme* li twaqqfet apposta s-sena l-oħra. Ma' dawn wieħed irid iżid għoxrin membru ta' l-staff akkademiku ta' l-Universita` li bi *scholarships* mogħtija mill-istess Universita` kisbu d-dottorat ta' *Ph.D*. f'diversi speċjalizzazzjonijiet.

Il-bini u l-immodernizzar ta' l-iskejjel permezz tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) kompla b'ritmu qawwi. Matul din is-sena l-FTS ħarġet b'*tenders* tad-Dipartiment tal-Kuntratti jew Dipartimentali b'aktar minn 5 miljun lira f'xogħol ta' skejjel ġodda u mmodernizzar konnessi ma' tmienja u tletin skola tal-Gvern, inkluż il-bidu tal-bini ta' skola sekondarja ġdida f'Ħal Qormi, Skola oħra f'Bormla, u l-estensjoni ta' l-iskola sekondarja ogħla *Giovanni Curmi* fuq *standards* u kwalita` bħal dawk stabbiliti fil-Kulleġġ San Benedittu. F'parti minn din il-ħidma l-FTS kellha l-appoġġ tat-taqsima tas-Servizzi Teknici tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

Dan kollu b'investiment qawwi fl-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna li, fuq il-bażi ta' l-ispiża pubblika u l-Prodott domestiku Gross, jħabbatha ma' l-aħjar stati fl-Unjoni Ewropea. Il-politika edukattiva tal-Gvern hi fid-direzzjoni t-tajba u qed tagħti riżultati, għalkemm fadlilna ħafna x'inwettqu biex nilħqu l-mira tagħna ta' edukazzjoni ta' kwalita` għal kulħadd biex uliedna jirnexxu lkoll.

Tabella 7: L-Ambjent

L-ambjent huwa wieħed mill-pilastri ewlenin fil-politika tal-Gvern immexxi minni. Is-sena l-oħra din in-nefqa telgħet għal Lm32 miljun. Matul is-sena li għaddiet fassalna l-'Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli'. Din-l-Istrateġija hija ntiża sabiex isservi ta' gwida għall-ħidma tagħna b'risq l-ambjent li ngħixu fih. L-'Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli' tagħti direzzjoni dwar l-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' pajjiżna li hija konformi mad-direzzjoni ġenerali tal-Gvern kif qiegħda tiġi ndikata f'dan il-Baġit.

*Immaniġġjar tal-Iskart*

Din in-nefqa qed twassal għal riżultati tanġibbli f'oqsma li sa' ftit ilu kienu jitqiesu bħala l-akbar ġerħiet fuq l-ambjent tagħna. Biżżejjed insemmi l-progress impressjonanti li għaddej fil-miżbla tal-Magħtab li minn mindu ngħalqet f'April ta' l-2004 għaddiet minn trasformazzjoni impressjonanti.

Il-ħidma li għaddejja hija fuq diversi bnadi. Hemm ħidma li r-riżultati tagħha diġa jidhru biċ-ċar filwaqt li hemm ħidma li għanda tagħti riżultati fix-xhur li ġejjin. Nista' nsemmi x-xogħol ta' tħejjija għat-twaqqif ta' l-ewwel ċentri li se jilqgħu skart goff, magħrufa bħala *civic amenity sites*. L-istess jgħodd għall-ħidma bi preparazzjoni għaż-żieda fil-*bring in sites* madwar Malta u Għawdex. Bħala parti mill-*engineered landfill* l-ġdida fl-Għallis, qed titlesta wkoll l-ewwel faċilita' tal-*landfill* għal skart perikoluż.

Investiment bla preċedent u ħidma bla heda li għaddejja wkoll biex pajjiżna jkollu faċilita' għat-trattament ta' l-iskart ta' Sant' Antnin li tħaddem l-aqwa teknoloġija. Pajjiżna jinsab fi stadju avvanzat biex mill-iskart jiġġenera l-enerġija u għalhekk ninsabu f'qagħda li anke l-iskart jipprovdilna riżorsa u hu l-ħsieb tal-Gvern li l-benefiċċji jinqasmu fost il-poplu tagħna.

*Konservazzjoni ta' Enerġija*

Fil-qasam tal-konservazzjoni tal-enerġija nidejna skemi ta' inċentivi maħsuba li jnaqqsu l-konsum tal-elettriku fid-djar. Dawn l-iskemi kienu suċċess. Filwaqt li matul l-2005 in-numru ta' applikanti għal dawn l-iskemi kienu ta' 364, dawn telgħu għal 1,012 matul din is-sena. S'issa tajna b'aktar minn mitt elf lira f'rifużjonijiet tal-VAT fuq dawn l-iskemi.

*Tmexxija b'eżempju*

Il-Gvern qed jara li jagħmel il-parti tiegħu anke fil-binjiet tiegħu. Wara sejħa pubblika, ġiet rakkomandata offerta biex il-Gvern jibda jinstalla panelli fotovoltaiċi fuq ministeri u dipartimenti tal-Gvern. Din l-offerta saret bħala parti mix-xogħol siewi li qed jagħmlu l-*Green Leaders* fi ħdan is-servizz pubbliku. Bis-saħħa ta' dan il-Gvern qed ipoġġi lilu nnifsu bħala katalista għall-bidla li għandha twassal għall-ġenerazzjoni ta' enerġija nadifa anki fuq skala domestika.

Barra hekk tfassal abbozz ta' pjan nazzjonali għal *Green Public Procurement*. L-adozzjoni ta' *Green Public Procurement*, timplika li fix-xiri, l-aġenziji tal-Gvern iridu jieħdu inkonsiderazzjoni mhux biss il-prezz ekonomiku imma wkoll il-prezz ambjentali. Ix-xiri favur l-ambjent ifisser ukoll li tagħti eżempju u li tinfluwenza is-suq.

Aktar kmieni din is-sena nħarġet sejħa pubblika sabiex tiġi nstallata sistema ta' enerġija li taħdem bir-riħ. Irrid ngħid b'sodisfazzjon kbir li disa' kumpaniji urew interess f'dan il-proġett. Għaldaqstant wara li ssir l-evalwazzjoni meħtieġa tal-offerti li daħlu, inkunu nistgħu ngħaddu sabiex nieħdu dawk id-deċiżjonijiet li jgħoddu għal pajjiżna.

*Tħawwil ta' Siġar*

Il-proġett li nieda l-Gvern biex għat-tħawwil ta' siġar, *34U*, matul l-2006 kien wieħed suċċess. Il-mira ta' 10,000 siġra għal din is-sena nqabżet bil-kbir. Il-pubbliku rrisponda sew għal din il-kampanja tant li ġew mogħtija madwar 16,000 siġra minn individwi, ażjendi u għaqdiet li tħawlu jew qed jitħawlu fil-ħames siti magħżula mill-Gvern. Il-ħames siti huma: l-estensjoni ta' *Kennedy Grove* fis-Salini, l-inħawi tat-Torri l-Aħmar fil-Mellieħa, Xrobb l-Għaġin, Delimara u Ta' Qali.

*Agrikoltura u sajd*

Fis-settur agrikolu komplejna bl-istrutturar u investiment meħtieġ fis-setturi tal-biedja u l-ipproċessar ta' prodotti lokali b'investimenti minn fondi strutturali taħt il-miżura 3.1 u 3.2 flimkien ma' għajnuna minn fondi lokali skond ma ġie nnegozjat ma' l-Unjoni Ewropea taħt l-*Ispecial Market Policy Programme for Maltese Agriculture*. Sa' Ottubru, l-għajnuna matul din is-sena kienet tlaħħaq għal aktar minn Lm4.2 miljuni.

Permezz ta' dan ir-ristrutturar u l-investiment rajna setturi bħal dak tat-tjur u l-produzzjoni tal-bajd jikkonsolidaw u jilqgħu aħjar għall-kompetizzjoni minn barra. Kien hemm titjib kontinwu wkoll fil-ħalib prodott mill-*Malta Dairy Products* u s-settur tal-produzzjoni tal-majjal baqa' preżenti sew fis-suq lokali u l-Koperattiva ta' min Irabbi l-Majjali (KIM) sabet suq ġdid għall-majjali fi Sqallija.

Kien hemm żviluppi wkoll bil-ħidma ta' għaqdiet ta' produtturi partikolarment permezz ta' Gomriza (Malta) u Gozitano (Għawdex). Il-Gvern qed jgħin sabiex għaqdiet tal-produtturi jbiegħu direttament lill-konsumaturi Maltin u Għawdxin prodotti ta' kwalita' u qegħdin fil-fażi finali biex tingħata għajnuna wkoll lil għaqda oħra skond ir-regoli ta' l-Unjoni Ewropea.

Fil-pitkalija tkompliet il-ħidma sabiex il-prodott jinbiegħ skond il-kwalita' u l-klassifikazzjoni informali ta' prodotti. Tkompliet ukoll il-ħidma ta' ċertifikazzjoni *Eurepgap* għall-esportazzjoni tal-patata, settur importanti għall-biedja lokali u rajna titjib fil-produzzjoni ta' tadam għall-ipproċessar, fejn wara diffikultajiet minħabba kompetizzjoni qawwija erġajna tlajna għal produzzjoni ta' madwar 10,500 tunnellata.

Il-bdiewa u r-raħħala gawdew ukoll minn fondi taħt il-Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali, *Ad Hoc, Meeting Standards, Agri Environment*, b'għajnuna li tlaħħaq l-Lm4 miljuni. Tlestiet il-ħidma biex ikun konkluż il-pjan ġdid għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u l-Pjan Strateġiku għall-finanzjament ta' fondi mill-Unjoni Ewropea għas-snin 2007 sa l-2013.

Fis-settur tas-sajd ukoll sar xogħol li qed iħalli l-frott. Is-sajjieda mistennija jibdew igawdu mill-proġett ta' *hardstanding facilities*, liema proġett se jsir b'investiment ta' €2 miljuni, li minnhom 75% huma fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Komplew jiġu pproċessati l-għajnuniet finanzjarji għas-sajjieda b'total ta' Lm123,000, filwaqt li għajnuniet b'total ta' Lm54,000 mistennija jkunu approvati matul din is-sena. Qed naraw ukoll kif nistgħu nirrevedu l-ftehim mas-sajjieda fuq *fuel* bla dazju u din ir-reviżjoni titħabbar meta jitlesta l-eżerċizzju.

*Toroq*

Matul l-aħħar sena komplejna bil-programm kbir ta' titjib fit-toroq ta' pajjiżna. Saru madwar għoxrin kilometru ta' toroq arterjali ġodda bejn Ħal Far u l-Imġarr f'Malta. Bħalissa qegħdin isiru aktar toroq arterjali fosthom dawk ta' Ħal Luqa, San Pawl il-Baħar u f'Għawdex. Qiegħed isir titjib fl-aċċess għar-Rikażli fejn se jsir il-proġett ta' *SmartCity@Malta*. Saru wkoll erba' mitt triq lokali filwaqt li saru l-pjanijiet kollha meħtieġa sabiex isiru erba' mija u ħamsin triq residenzjali oħra.

Fl-aħħar tliet snin l-investiment fit-toroq ta' Malta laħaq l-ogħla livelli li qatt ra pajjiżna. Mill-2004 sal-lum intefqu Lm19-il miljun mill-Bagit tagħna, Lm16-il miljun mill-Protokoll Taljan u Lm5.5 miljun mill-fondi tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam. Ma' dawn għandha tiżdied ukoll in-nefqa fuq it-toroq t'Għawdex li toħroġ mill-Bagit tal-Ministeru għal Għawdex.

Ir-ritmu nżamm, ukoll, matul din is-sena b'ħames proġetti oħra ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-perjodu finanzjarju li jiġi fi tmiemu din is-sena. Dawn huma l-*bypass* ta' San Pawl il-Baħar, it-triq ta' Ħal Far, il-pont Manwel Dimech, u f'Għawdex, it-triq li mir-Rabat tagħti għal San Lawrenz kif ukoll it-triq ta' bejn l-Imġarr u Għajnsielem.

*Tisbiħ tal-Ambjent Urban*

Tkompla t-tisbiħ tal-ġonna pubbliċi u t-tħaddir tat-toroq tagħna. Tlesta t-tisbiħ tal-ġnien ta' *Hastings*, u tal-Ġnien *Howard*. Ir-*roundabouts* ta' pajjiżna tkomplew jissebħu. Saru aktar minn mitt proġett ta' restawr bħal dawk tal-akwadott u tal-Barrakka ta' Fuq. Fl-istess waqt sar tindif kbir tal-widien u twettqu xogħlijiet bżonnjużi sabiex nilqgħu għal kontra l-għargħar f'Ħal Qormi u s-Salina.

<u>Tabella 8: Il-Qasam Soċjali</u>

Il-Gvern iħares lejn il-qasam soċjali bħala element integrali għall-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżna. Mhux nefqa iżda investiment. Għalhekk żviluppajna Politika Soċjali li tħares lejn il-bżonnijiet ta' kulħadd iżda li fl-istess ħin kapaċi tiffoka fuq dawk li l-aktar jeħtieġu sapport. Dan qed nagħmluh bi programmi li jilħqu l-ħafna kif ukoll bi programmi ta' għajnuna li huma mibnija fuq ħtiġijiet speċjali anke meta dawn ikunu ta' ftit nies biss.

Is-sena 2006 tibqa' mmarkata bħala sena oħra b'numru ta' żviluppi importanti fil-qasam soċjali:

- Ippublikajna u bdejna niddiskutu fil-Parliament ir-riforma tal-pensjonijiet, riforma ta' importanza kbira għall-ġenerazzjonijiet ta' għada.

- Ġiet fis-seħħ il-Liġi Dwar il-Vjolenza Domestika filwaqt li għaddejja diskuzzjoni fil-Parliament għall-emendi fil-kodiċi tal-pulizija biex tħares lit-tfal mill-perikli ta' l-alkohol.

- Twaqqaf direttorat biex jaħdem kontra l-abbużi tal-benefiċċji soċjali, bħal min jirreġistra u jaħdem. Din is-sena, sal-aħħar t'Awissu, irnexxielna niffrankaw lill-pajjiż aktar minn tliet kwarti ta' miljun f'abbużi – medja ta' Lm3,000 kuljum – li ser imorru għal min verament jeħtieghom. B'hekk, il-Lm228 miljun li ser ikun nefaq il-Gvern fuq dan is-settur ikunu dejjem aktar indirizzati lejn min ħaqqu.

- L-Aġenzija Appoġġ, l-Aġenzija Sedqa, u l-Aġenzija Sapport, taħt il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, taw numru rekord ta' servizzi lil numru record ta' nies, b'akbar Baġit li qatt kellhom għad-disposizzjoni tagħhom. Dawn is-servizzi llum saru parti mill-infrastruttura ta' sapport għall-familji Maltin.

- Komplejna nsaħħu s-settur tal-volontarjat b'aktar minn miljun lira f'għajnuna diretta jew kontratwali. Tlestew wkoll il-konsultazzjojijiet kollha dwar l-abbozz ta' liġi biex jissapportja l-volontarjat.

- Ħamsa u erbgħin ċentru għall-ħarsien tat-tfal (*childcare centres*) ibbenefikaw f'għajnuna finanzjarja u teknika biex jogħllu l-livell ta' servizz li jagħtu skond l-*istandards* pubblikati mill-Gvern din is-sena.

- Il-qasam soċjali qed jiffaċċja l-isfida ta' l-immigranti illegali li jingħataw status ta' refuġjati u allura jkunu ser jibqgħu f'Malta għal żmien twil. Minbarra l-impatt finanzjarju, hemm xogħol kbir għaddej biex igħin lil dawn ir-refuġjati jerġgħu jibdew jibnu ħajjithom mill-ġdid, jew f'Malta jew inkella barra minn xtutna, b'attenzjoni speċjali fuq it-tfal.

- L-Awtorità tad-Djar ħarġet 260 propjetà taħt l-iskema ta' *Shared Ownership* li biha familji b'mezzi limitati xorta jistgħu jsiru sid ta' darhom.

- Entitajiet fil-qasam soċjali bbenifikaw minn fondi tal-Unjoni Ewropea li jammontaw għal madwar 3 miljun Ewro. Dawn il-fondi ġew primarjament mill-Fond Soċjali Ewropew u l-Programm *Equal*.

Is-suċċess tal-Politika Soċjali li qed inħaddmu tinħass meta permezz ta' diversi miżuri u servizzi u l-kordinament bejniethom dawn jirnexxilhom jagħmlu differenza sostanzjali fil-ħajja tan-nies. Bħal meta l-Awtorità tad-Djar, l-Aġenzija Sapport, u l-għajnuna finanzjarja jgħinu persuni b'diżabilità biex jilħqu l-aspirazzjonjiet tagħhom, jifformaw familja, u jsiru sid ta' darhom. B'unur ngħid li l-passi li ħadna f'dawn is-snin qed iwasslu għal kwalità ta' ħajja aħjar fil-ħajja ta' diversi nies.

<u>Tabella 9: Għawdex</u>

Għawdex gawda mill- u kkontribwixxa fl-iżvilupp kollu li seħħ fil-pajjiż. Iżda dan il-Gvern jagħraf li Għawdex għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u għalhekk, kif dejjem għamel, tah l-attenzjoni speċjali tiegħu.

Ħadna ħsieb ta' l-infrastruttura fiżika ta' Għawdex b'mod partikolari t-toroq. Matul din is-sena l-Gvern kompla jinvesti wkoll fil-ħaddiema Għawdxin li huma r-riżors primarju għall-qasam tax-xogħol f'Għawdex. Fil-qasam ta' l-edukazzjoni, matul din is-sena komplejna bil-programm ta' mmodernizzar ta' l-iskejjel primarji u sekondarji f'Għawdex, bil-konċentrazzjoni ta' l-investiment imur fuq l-iskola primarja Rosa Magro fix-Xewkija. Fil-qasam ta' l-ambjent rajna l-bidu tax-xogħol infrastrutturali fuq il-bini ta' l-Impjant għat-Trattament tad-Dranaġġ sabiex naslu biex l-iskart solidu u l-iskart likwidu ġġenerat f'Għawdex ikun qiegħed jiġi trattat b'mod sostenibbli u li verament jirrispetta l-ambjent naturali ta' pajjiżna. Saħħaħna l-*Gozo Channel* biex din tkun kumpanija soda li tista' taqdi wkoll l-obbligi tagħha għas-servizz ta' l-Għawdxin u l-Maltin.

<u>Tabella 10: Unjoni Ewropea</u>

Tliet snin ilu ddeċidejna li nidħlu fl-Unjoni Ewropea. Sentejn wara nistgħu ngħidu li s-sħubija ssarfet f'ħafna ġid għall-poplu tagħna. Dan il-ġid ma waqax mis-sema bħal manna. Kellna nitħabtu u nistinkaw biex inġibu flus għall-poplu tagħna li, ras għal ras, qed jieħu aktar milli jieħdu popli oħra.

It-twettiq ta' proġetti permezz tal-Fondi Strutturali u dawk ta' Koeżjoni hija esperjenza ġdida għalina. Is-sena li għaddiet kienet waħda mimlija xogħol minħabba l-fatt li ħafna mill-proġetti nbdew filwaqt li xi wħud tlestew. Kienet esperjenza li tgħallimna minna lkoll. Fl-istess ħin irnexxielna nibnu l-kapaċità amministrattiva tal-pajjiż – kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat – sabiex inkunu nistgħu nużaw dawn il-fondi aħjar u bl-aktar mod tajjeb.

Matul l-aħħar sentejn sar progress f'diversi oqsma ta' l-ekonomija permezz ta' dawn il-proġetti ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni. Fost dawn insibu:

- Investiment sostanzjali ta' aktar minn Lm7 miljun fil-ħiliet tal-Maltin u l-Għawdxin sabiex ngħollu l-livelli ta' taħriġ u edukazzjoni tar-riżors primarju ta' pajjiżna;
- Skemi ta' għajnuna għall-intrapriżi, il-bdiewa u s-sajjieda. Aktar minn erba' mitt intrapriża qed igawdu minn dawn l-iskemi;
- Investiment fl-infrastruttura fiżika fl-oqsma ta' l-industrija u t-turiżmu;
- Investiment kapitali, taħriġ kif ukoll kampanji ta' tagħrif ta' mhux inqas minn Lm20 miljun favur l-ambjent, speċjalment fil-qasam ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart u l-ilma;
- Investiment ta' aktar minn Lm12 miljun fil-qasam tat-trasport li diġà bdejna naraw ir-riżultati tiegħu;
- Proġetti speċifiċi għal Għawdex fl-oqsma tat-trasport, turiżmu, u żvilupp tar-riżorsi umani.

Għall-kuntrarju ta' dak kollu li kien jingħad qabel is-sħubija, illum jiena kburi ngħid li Malta kienet waħda mill-ewwel pajjiżi membri ġodda li kkommettiet il-Fondi Strutturali kollha tal-perjodu 2004 sal-2006 fi proġetti u huwa l-uniku pajjiż li kkommetta l-flus kollha tal-Fond ta' Koeżjoni. Mhux dan biss iżda pajjiżna hu wkoll wieħed mill-ftit pajjiżi membri ġodda li laħaq nefaq il-flus kollha għall-2006 – u dan sitt xhur qabel iż-żmien stipulat ta' Diċembru 2006. Grazzi għall-perseveranza, l-ħila u l-għaqal ta' kulħadd illum nista' ngħid li tmienja u sebgħin proġett b'valur ta' madwar Lm50 miljun qed jitwettqu sabiex intejbu l-livell ta' l-għixien tal-poplu Malti u Għawdxi.

Barra minn dawn il-Programmi Nazzjonali nixtieq insemmi wkoll li Malta qed tibbenefika minn numru ta' Programmi oħra li wkoll jaqgħu taħt il-kappa tal-Fondi Strutturali. Dawn huma l-Programmi *Equal* u *Interreg*. Il-Programm *Equal* jindirizza l-ugwaljanza u l-inklużjoni soċjali waqt li l-Programmi *Interreg* huma programmi ta' koperazzjoni reġjonali bejn diversi reġjuni ta' l-Unjoni Ewropea li għandhom interessi u sfidi komuni. Malta qed tipparteċipa f'erba' Programmi ta' l-*Interreg* b'aktar minn ħamsin proġett approvat u oħrajn li mistennija jiġu approvati fil-jiem li ġejjin. Hawnhekk irrid ngħid li kienu ħafna mill-Kunsilli Lokali li applikaw għal proġetti taħt dawn il-Programmi.

Mr Speaker,

F'dan is-sens nibqa' ntenni dak li għidt mill-ewwel ġurnata li sirt Prim Ministru: nixtieq li l-poplu Malti jiġġudikana fuq dak li nagħmlu u mhux fuq dak li ngħidu.

Għal dan ix-xogħol kollu li sar nixtieq nirringrazzja mill-qalb lil sħabi l-Ministri u l-Grupp Parlamentari. Nirringrazzja lill-ħaddiema kollha, f'kull livell, fil-Ministeri, fid-dipartimenti tal-Gvern u fil-korporazzjonijiet pubbliċi. Grazzi lill-ħaddiema u l-*managers* fis-settur privat. Grazzi lis-sidien u lill-investituri. Grazzi lil dawk li jaħdmu għal rashom. Ħajr minn qalbi lill-membri kollha tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

Grazzi lilkom kollha talli b'ħilitkom, tul din is-sena, għelibna ħafna xkiel u wettaqna ħafna xogħol.

Flimkien għamilna ħafna, iżda nistgħu nagħmlu aktar. Irridu nagħmlu iżjed. Qatt ma għandna nieqfu mill-ħidma tagħna. Irridu wkoll nagħmlu iżjed u aħjar. F'kollox, f'kull settur, irridu nilħqu l-aħjar li nistgħu nilħqu. Bħala soċjetà, bħala pajjiż, bir-riżorsi li għadna bħalissa.

Għalhekk, issa se npoġġi quddiemkom il-pjan tal-Gvern għas-sena d-dieħla. Dan il-pjan jiġbor fih ħafna milli għidtulna intom. Irridu li

flimkien inkomplu nsaħħu s-sisien għall-ġejjieni fis-sod għalina u għal uliedna.

## Flimkien Nibnu Ġejjieni fis-Sod għal Uliedna

Mr. Speaker,

Nibda issa biex nagħti ħarsa lejn il-programm ta' ħidma li il-Gvern tiegħi huwa impenjat li jwettaq għas-sena id-dieħla.

## Qagħda Finanzjarja ta' Pajjiżna għall-2007

Mr. Speaker,

Qed nippreżenta baġit li jixhed li pajjiżna wasal għal Finanzi fis-sod u sostenibbli. Wasalna għad-*deficit* ta' taħt it-3 fil-mija ta' dak li jipproduċi il-pajjiż. Fl-2007 il-finanzi tal-pajjiż għandhom jispiċċaw b'*deficit* ta' 2.5 fil-mija

Qed nippreżenta aktar dettalji dwar id-dħul u l-infieq tal-Gvern u tad-dejn pubbliku għas-sena li ġejja fit-Tabelli Numru 11 sa 13. Il-Gvern qed jipproġetta *deficit* ta' anqas minn 1 fil-mija fl-2009.

Tabella Nru. 11

## IL-QAGĦDA FISKALI 2005 - 2009

| | 2005 Attwali | | 2006 Rivedut | | 2007 Estimi | | 2008 Estimi | | 2009 Estimi | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Qagħda fil-Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul Totali | | 896,418 | | 965,984 | | 992,929 | | 992,274 | | 1,013,529 |
| Dħul minn Taxxi | 740,305 | | 802,350 | | 851,185 | | 874,090 | | 900,445 | |
| Dħul Ieħor | 156,113 | | 163,634 | | 141,744 | | 118,184 | | 113,084 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 840,738 | | 873,184 | | 879,558 | | 897,649 | | 918,770 |
| Spiża Rikurrenti | 765,974 | | 796,000 | | 803,408 | | 819,899 | | 840,570 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | 74,764 | | 77,184 | | 76,150 | | 77,750 | | 78,200 | |
| Surplus Rikurrenti | 55,680 | | 92,800 | | 113,371 | | 94,625 | | 94,759 | |
| Nefqa Kapitali | | 130,994 | | 150,584 | | 167,835 | | 127,439 | | 116,974 |
| Nefqa Totali | | 971,732 | | 1,023,768 | | 1,047,393 | | 1,025,088 | | 1,035,744 |
| ***Deficit* Strutturali** | | **(75,314)** | | **(57,784)** | | **(54,464)** | | **(32,814)** | | **(22,215)** |
| Finanzjament | | | | | | | | | | |
| Ħlas lura dirett ta' Self | (1,882) | | (284) | | 0 | | 0 | | 0 | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Fund* | (11,938) | | (11,602) | | (9,902) | | (8,597) | | (8,597) | |
| Bilanċ fis-*Sinking Fund* ta' | 0 | | 0 | | | | | | | |
| Stokk Konvertit | 3,837 | | 10,400 | | 4,200 | | 9,000 | | 0 | |
| Bejgħ ta' Assi | 21,791 | 11,808 | 74,200 | 72,714 | 0 | (5,702) | 0 | 403 | 0 | (8,597) |
| Ħtieġa ta' Self | | (63,506) | | 14,930 | | (60,166) | | (32,411) | | (30,812) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanċ fl-1 ta' Jannar | (92,352) | | (45,858) | | (30,928) | | (41,094) | | (48,505) | |
| Self Lokali | 110,000 | 17,648 | 0 | (45,858) | 50,000 | 19,072 | 25,000 | (16,094) | 30,000 | (18,505) |
| Bilanċ fil-31 ta' Diċembru | | (45,858) | | (30,928) | | (41,094) | | (48,505) | | (49,317) |
| **Aġġustamenti E.S.A. '95** | | **13,500** | | **3,184** | | **3,881** | | **(2,176)** | | **2,976** |
| ***Deficit* tal-Gvern Estiż** | **(61,814)** | | **(54,600)** | | **(50,583)** | | **(34,990)** | | **(19,239)** | |
| **Prodott Gross Domestiku** | **1,941,100** | | **2,056,900** | | **2,163,000** | | **2,276,700** | | **2,395,000** | |
| ***Deficit* Strutturali bħala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **3.88%** | | **2.81%** | | **2.52%** | | **1.44%** | | **0.93%** | |
| ***Deficit* tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **3.18%** | | **2.65%** | | **2.34%** | | **1.54%** | | **0.80%** | |

Tabella Nru 12

## Statement of Public Debt

| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|
| Malta Government Stocks | 1,126.6 | 1,176.6 | 1,201.6 | 1,231.6 |
| Treasury Bills | 167.5 | 172.4 | 175.1 | 171.9 |
| Ex-MDD/MSCL Loans | 24.7 | 24.7 | 24.7 | 24.7 |
| Foreign Loans | 55.6 | 53.2 | 49.9 | 47.0 |
| E.B.U.'s | 38.0 | 36.6 | 36.3 | 33.8 |
| Public Debt (including E.B.U.'s) | 1,412.4 | 1,463.5 | 1,487.6 | 1,509.0 |
| **G. D. P** | **2,056.9** | **2,163.0** | **2,276.7** | **2,395.0** |
| Debt as Percentage of G. D. P. | 68.67% | 67.66% | 65.34% | 63.01% |

Tabella 13: Dħul u Nfieq proġettat tal-Gvern għall-2007

Il-Gvern qed jipproġetta dħul akbar ta' madwar Lm27 miljun fuq is-sena li għaddiet.

Mill-*income tax*, minħabba ir-riforma fil-*band*s tat-taxxa li id-dettalji tagħhom ser inħabbar aktar tard, il-Gvern jistma li ż-żieda fid-dħul tkun ta' madwar Lm7 miljun. F'dak li hu dħul mill-bolla, anke minħabba li l-2007 għandha ġimgħa aktar minn din is-sena u previżjoni ta' żieda fid-dħul u l-impjiegi minħabba ir-ritmu pożittiv li issa l-ekonomija qabdet, il-Gvern ser idaħħal Lm12-il miljun aktar minn din is-sena. Iż-żieda fid-dazji hi riżultat tal-konverżjoni li għamilna aktar kmieni din is-sena tal-profitti ta' l-Enemalta mit-Taqsima tal-*Fuels* għal dazji, biex b'hekk il-Gvern ikun jista' jerġa jgħaddihomlha lura bħala sosten tal-ġenerazzjoni eletrika tal-Korporazzjoni u b'hekk jitneħħa il-*cross subsidisation* bejn diviżżjonijiet u jkun jista' jitkompla il-proċess ta' liberalizzazzjoni tas-settur tal-*Fuels* mingħajr impatt negattiv fuq il-kontijiet tad-dawl. Għalkemm mingħajr effett finanzjarju, l-aġġustamenti li bdew fl-2005 biex gradwalment naslu għal minimu fis-sisa stabilit mil-Unjoni Ewropea fuq prodotti ta' l-enerġija, ser ikomplu is-sena id-dieħla. Mil-VAT il-Gvern qed jiprevedi żieda ta' Lm6 miljun, konformi mat-tkabbir fid-dħul li kellna f'dawn l-aħħar snin mill-attività ekonomika u li nistennew li tkompli ukoll fl-2007.

Kif indikajna fid-dokument ta' qabel il-Baġit, il-Gvern qiegħed ukoll fil-proċess li jirregola is-settur tal-magni tal-logħob li hawn fis-suq. Fid-dokument elenkajna diversi miżuri biex nassiguraw li dawn il-magni joperaw f'qafas regolatorju ħafna iktar kontrollat, tidaħħal sistema ċentralizzata ta' sorveljanza biex nassiguraw ruħna li persuni taħt l-età ma jingħatawx aċċess u jinġabar il-kontribut dovut.

In-nefqa rikorrent tal-Gvern din mistennija ser titla biss Lm6.6 miljun. Waqt li l-pensjonijiet u s-servizzi soċjali ser jiżdiedu b' Lm12.1 miljun, żieda ta' Lm4 miljun fuq is-Saħħa kif ukoll żieda ta' Lm8.3 miljun lil Enemalta, il-Gvern qed ikompli bil-proċess ta' tnaqqis fl-ispiżi tiegħu billi ikopri dawn iż-żidiet b'tnaqqis f'dik li hi spiża rikurrenti ta' amministrazzjoni ta' madwar Lm17.8 miljun.

F'dak li hu nvestiment kapitali, in-nefqa għall-2007 ser tkun Lm17-il miljun aktar minn din is-sena. Waqt li in-nefqa fil-Mater Dei Lm8 miljun anqas mis-sena li għaddiet, jew il-proġetti marbuta mal-Protocol Taljan ser ikunu konklużi sa l-aħħar ta' din is-sena, ser ikun hemm investiment akbar f'dak li hu l-Edukazzjoni ta' Lm10 miljun, it-Turiżmu Lm3 miljun, Għawdex Lm2 miljun, Saħħa Lm4 miljun , Ambjent Lm6 miljun, u Toroq Lm5 miljun.

## Edukazzjoni u Taħriġ

Mr Speaker,

Il-Gvern tiegħi, u kull Gvern immexxi mill-Partit tiegħi, dejjem emmen li ċ-ċavetta ta' ġejjieni fis-sod hija l-edukazzjoni. L-investiment fl-edukazzjoni huwa l-garanzija li uliedna jkollhom l-opportunitajiet miftuħa quddiemhom. L-edukazzjoni hija l-bieb tas-suċċess għalihom u għal pajjiżna.

Irrid nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil kull min ta u qed jagħti sehmu f'dan il-qasam. B'mod partikolari irrid pubblikament nirringrazzja lill-edukaturi u lill-għalliema kollha. B'dedikazzjoni kbira intom qegħdin tgħinu lil uliedna joħorġu l-aqwa tagħhom. Intom bennejja ewlenin ta' pajjiżna. Grazzi.

Ħa ngħidha mill-ewwel. Fil-qasam ta' l-edukazzjoni u taħriġ, qed nistmaw li matul is-sena d-dieħla se ninvestu s-somma globali ta' aktar minn Lm121 miljun. Ser niddedikaw Lm12-il miljun aktar mis-sena l-oħra. L-ogħla ammont li qatt ġie vvutat għall-edukazzjoni f'pajjiżna.

Mr. Speaker,

Xi jfisser dan? Ifisser li ras għal ras, ser ninvestu Lm1,332 f'nefqa rikorrenti fuq kull tifel u tifla, ġuvni u tfajla, raġel u mara li qegħdin fis-sistemi edukattivi tagħna. Hawn mhux qed ninkludi n-nefqa kapitali.

**Edukazzjoni Obbligatorja**

Matul is-sena li ġejja se nkomplu l-proġett tagħna li nibnu u nimmodernizzaw l-iskejjel ta' l-Istat. Qed nippjanaw li nlestu l-bini ta' żewġ skejjel sekondarji ġodda, waħda f'Ħal Qormi u oħra f'Bormla. Ser nibdew nibnu skejjel ġodda fil-Mosta, f'Pembroke, u f'Għawdex. Se nkomplu l-immodernizzar sħiħ tal-*Junior Lyceum* tas-subien fil-Ħamrun. Se jsiru diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni u mmodernizzar f'diversi skejjel f'Malta u Għawdex. Hu stmat li fl-2007 il-Gvern se jinvesti Lm5 miljun fuq dawn il-proġetti taħt l-iskema ta' arranġamenti finanzjarji li għandha l-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada.

Il-bini waħdu mhux biżżejjed. Id-diskussjonijiet li l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni qiegħed ikollu mal-Unjon ta' l-Għalliema issa jinsabu fil-fażi finali tagħhom. Nieħu gost nirraporta lill-Kamra l-ispirtu kostruttiv u kollaborattiv bejn iż-żewġ naħat. Fiduċjużi li ser ikollna ftehim li jsaħħaħ ir-riforma estensiva li qed titwettaq fil-qasam ta' l-edukazzjoni obbligatorja.

Ma rridu xejn anqas mill-aqwa edukazzjoni għall-uliedna.

Irridu li l-iskejjel ta' l-Istat ikollhom laboratorji mill-aktar moderni tax-xjenzi tal-fiżika, kimika, bioloġija u teknoloġija, u laboratorji tal-lingwi. Hawn ser ninvestu 'l fuq minn Lm1.5 miljun. Se naslu sabiex ikollna mija u tlett laboratorji mill-aqwa, skond normi tal-Unjoni Ewropea, fl-iskejjel tal-Istat.

Aħna nqisu lill-iskejjel tal-Knisja u l-iskejjel privati bħala sieħba ewlenin tagħna fl-edukazzjoni ta' uliedna. Dan it-twemmin tagħna jissarraf f'żewġ programmi importanti:

L-ewwel, dan il-Baġit qed jipproponi nefqa ta' Lm12.75 miljun għall-iskejjel tal-Knisja. Din hija żieda ta' Lm1 miljun fuq il-vot allokat is-sena li għaddiet. Tfisser medja ta' Lm755 kull tifel u tifla.

It-tieni, nagħrfu l-ispejjeż li jidħlu għalihom il-ġenituri li jagħżlu li jibgħatu lil uliedhom fl-iskejjel privati. Fl-2003, introduċejna tnaqqis mill-ammont taxxabli biex jagħmel tajjeb għall-parti mill-miżati mħallsa. Dakinhar konna stabbilejna massimu ta' Lm200 bħala spejjeż deduċibbli għal studenti f'livell primarju u Lm300 fuq livell sekondarju. B'effett mill-1 ta' Jannar li ġej, il-Gvern se jirdoppja dawn l-ammonti għal Lm400 fuq livell primarju u Lm600 fuq livell sekondarju għal kull student.

**Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla**

Irridu nkomplu nsaħħu wkoll il-qasam ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla.

Il-Gvern ser jagħmel l-akbar użu mill-Fondi ta' l-Unjoni Ewropea biex ikompli jsaħħaħ l-Università u l-MCAST, żewġ pilastri ta' l-edukazzjoni f'pajjiżna. Is-sena d-dieħla se nibdew programm ta' bini, infrastruttura u xiri ta' apparat mifrux fuq numru ta' snin. Qed nipprogrammaw li fl-2007, se nonfqu Lm4.3 miljun u Lm4.5 miljun rispettivament f'dawn iż-żewġ istituzzjonijiet. B'hekk ikollna l-ispazju li għandna bżonn sabiex ikompli jiżdied l-għadd ta' studenti li jkomplu l-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom. Fl-istess ħin ikollhom il-faċilitajiet u s-servizzi meħtieġa biex jirċievu edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità.

L-ispiża rikurrenti tas-sena li ġejja għall-Istituzzjoni ta' Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla hu stmat li tilħaq is-somma ta' Lm19.3 miljun. Il-Gvern qed iżid l-għotja rikurrenti ta' l-Università b'Lm700,000 għal Lm11.3 miljun. Tajjeb infakkar li ma' dawn, il-Gvern qed jinvesti kważi Lm9 miljun f'appoġġ dirett lill-istudenti bħala stipendji.

Qed nerġgħu wkoll nivvutaw is-somma ta' Lm200,000 għal numru ieħor ta' scholarships fil-livell ta' Master u Dottorat taħt il-Malta Government Scholarship Scheme li nidejna b'suċċess din is-sena.

Fid-diskussjonijiet ta' qabel il-Baġit, il-Gvern iltaqa' ma' diversi studenti li qed isegwu kors post-sekondarju jew kors universitarju fuq bażi *full-time*

fis-settur privat. Il-Gvern iddeċieda li b'seħħ mis-sena skolastika li tibda fl-2007, dawk l-istudenti li jkomplu l-istudji tagħhom fuq bażi *full-time* f'istituzzjoni ta' Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla jibbenefikaw minn għotjiet ta' manteniment skond rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Għolja. Nemmnu li s-settur privat liċenzjat huwa ta' benefiċċju għall-pajjiżna. Dan għandu rwol importanti biex Malta tiżviluppa Ċentru Reġjonali ta' Servizzi Edukattivi u ta' Taħriġ.

Nemmnu li qatt m'għandna nieqfu nitgħallmu u nitħarrġu. Se nużaw il-fondi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari madwar Lm3.5 miljun mill-Fond Soċjali Ewropew għal dan il-għan. Dawn jinkludu korsijiet ta' tagħlim u taħriġ għal faxex kollha tas-soċjetà.

Fil-qasam ta' l-isport il-Gvern qed jivvota s-somma globali ta' Lm1.1 miljun. Il-vot kapitali ta' Lm200,000 ser ikopri t-tkomplija tal-kumpless sportiv f'Ħal Kirkop. F'dan il-kuntest tajjeb ngħid li barra dan l-investiment il-Gvern qed jinvesti f'faċilitajiet sportivi. Għalkemm dawn qed isiru fi skejjel tal-Gvern, huma maħsuba li jintużaw ukoll wara l-ħin ta' l-iskola mill-għaqdiet sportivi u dawk interessati fl-isport. B'dan il-mod ser ikollna numru ta' grawnds moderni, b'terf artifiċjali u mixgħula bil-lejl mifruxa f'Malta u Għawdex. Dan ifisser li minbarra f'Ħal Kirkop, fit-tlett snin li ġejjin ser ikollna grawnds ta' dan il-livell f'Ħal Qormi, Bormla, Ħal Luqa, Mosta, n-Naxxar u Għawdex.

Mr. Speaker,

Għan wieħed għandna. Li l-poplu tagħna ikun wieħed mill-aktar popli edukati u mħarrġa fid-dinja.

## Inkomplu Nkabbru l-Ekonomija u Noħolqu x-Xogħol

Irrid issa nitkellem ftit fuq kif ser inkomplu nkabbru l-ekonomija u niżguraw il-ħolqien tax-xogħol.

## L-Ewro

Is-sena d-dieħla se tkun is-sena li tħejji lil pajjiżna għall-pass ieħor importanti fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku tagħna. Fl-isfond tal-progress ekonomiku li qed jagħmel pajjiżna, l-1 ta' Jannar 2008 qed tidher data dejjem aktar probabbli għad-dħul tal-Ewro f'pajjiżna. Is-sħubija fil-munita Ewro, it-tieni l-aktar munita b'saħħitha fid-dinja, għandha tagħti stabbilità akbar lill-ekonomija tagħna. Dakinhar pajjiżna ikun aktar attrajenti għal min irid jiġi jinvesti u joħloq ix-xogħol.

L-Ewro ta lill-Ewropa stabbilità mhux biss billi eliminat ir-riskji fir-rati tal-kambju bejn il-pajjiżi parteċipanti imma ħolqot ambjent ta' rati ta' interessi baxxi fit-tul. Iffavoriet l-istabbiltà fil-prezzijiet.

Għad għandna min jgħid li pajjiżna għandu jieħu aktar żmien qabel idaħħal l-Ewro, mingħajr ma qiegħed jagħti raġuni ekonomika tajba. Jgħid li pajjiżna l-ewwel għandu jiffoka fuq it-tkabbir ekonomiku. Donnu qed jinsa li l-Ewro huwa għodda importanti sabiex inwasslu għat-tkabbir ekonomiku.

Hemm riskji jekk pajjiżna jtawwal bla bżonn. Il-pajjiżi li ma bdewx dan il-proċess qed jiġu meqjusa li għad għandhom problemi ekonomiċi kbar. Nistgħu niġu meqjusa bħala li m'aħniex kommessi lejn politika ekonomika serja u li aħna 'l bogħod mill-miri li huma stabbiliti. Bil-maqlub: b'sodisfazzjon ngħid li llum kulħadd qed jgħid li aħna *on track.*

## Investiment Barrani

L-ekonomija tagħna kompliet tiżviluppa u tikber filwaqt li għamilna tajjeb għal strutturi ekonomiċi qodma li ma kienux għadhom jgħoddu għal

Malta. Il-miżuri li ħadna taw il-frott. Ir-rekord kbir ta' investiment li semmejt jixhed dan.

Matul d-disa' xhur li għaddew, il-*Malta Enterprise* approvat 71 proġett ġdid li matul it-tlett snin li ġejjin se joħolqu 3,600 impjieg ġdid u jiġġeneraw Lm44 miljun f'investiment f'setturi li jgawdu mill-inċentivi li noffru. Iżda l-ekonomija hi ferm akbar minn hekk.

Biex inkomplu nsostnu u nistimolaw l-investiment ġdid lejn pajjiżna, flimkien mal-Lm2.3 miljun li qed jiġu allokati lill-*Malta Enterprise* sabiex jinħolqu skemi ta' assistenza lill-industrija, il-Gvern se jpoġġi Lm1 miljun ieħor mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea għal dan il-għan; 25 fil-mija minnhom se jkunu ddedikati esklussivament għal Għawdex.

Wasal iż-żmien li noħorġu mill-istruttura preżenti ta' l-inċentivi fl-Att dwar il-Promozzjoni ta' l-Industrija. Jeħtieġ naddottaw qafas legali ġdid. Se nressqu dan it-tibdil fl-istrutturi legali tagħna.

Waqt li qed nitkellem dwar l-investiment barrani rrid nirreferi għal akbar investiment barrani li qatt kellna f'pajjiżna, il-proġett ta' *Smart City* fir-Rikażli. Sitt snin ilu iddikjarajna l-aspirazzjoni tagħna li nagħmlu lil Malta bħala l-kapitali tal-Mediterran fil-qasam tat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni. Dak inhar, kien hawn min qalilna li qed noħolmu. Ippropona minflok futur mgħarraq fil-passat fejn Malta tiżola ruħha mill-bqija tad-dinja biex tipproteġi manifattura tradizzjonali bħat-tessuti u l-ġild. Kienu dawn l-istess nies li opponew d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

*Smart City* waħedha tfisser aktar minn Lm100 miljun investiment. Eluf ta' Maltin se jaqilgħu ħobżhom minn dan l-investiment. Ilkoll kemm aħna għandna nħossuna kburin b'dan l-akkwist li ser ikun għamel pajjiżna.

## L-Istrateġija tal-Gvern għall-Industrija

Bħalma diġà għidt, illum qegħdin nippubblikaw l-Istrateġija tal-Gvern għall-Industrija f'Malta. Din l-istrateġija tfasslet wara diversi laqgħat ta' konsultazzjoni li saru mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari mal-Federazzjoni tal-Industrija. Żgur li din l-istrateġija se tkun strumentali biex tkompli tikber l-ekonomija u jiżdied ix-xogħol.

## Teknoloġija tal-Informazzjoni

*Smart City* ma ġietx b'kumbinazzjoni. L-investituri li pperswadejna jiġu hawn kellhom ħafna għażliet oħra fejn jagħmlu l-espansjoni Ewropea tagħhom.

Din is-sena l-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet is-servizz pubbliku mogħti *on-line* mill-Gvern Malti bħala t-tieni l-aqwa fl-Ewropa kollha. Il-Forum Ekonomiku Dinji rrapporta li l-Gvern Malti hu t-tnax-il gvern fid-dinja li l-aktar juża t-teknoloġija biex itejjeb il-livell ta' servizz li jagħti. Dan jagħmilna kompetittivi u jtejjeb il-kwalità ta' ħajjet il-Maltin.

Il-Gvern Elettroniku Malti wasal biex jagħti pass ieħor importanti. Matul is-sena d-dieħla se jinbena *portal* uniku, b'investiment ta' erba' mitt elf lira. Minnu s-servizzi pubbliċi elettroniċi kollha jkunu offruti ċentralment u se jkun l-ogħla livell ta' servizz pubbliku uniku pprovdut minn xi gvern.

Qegħdin fl-aħħar tat-tliet snin ta' l-Istrateġija Nazzjonali dwar it-Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u l-Kommunikazzjoni li ppubblikajna fil-bidu ta' l-2003. Min kien xettiku dak iż-żmien illum għandu risposta. Illum f'pajjiżna għandna soċjetà u ekonomija ta' l-informazzjoni fost l-aktar avvanzati fid-dinja.

Matul it-tliet snin li ġejjin se naħdmu fuq Strateġija Nazzjonali dwar it-Teknoloġiji aktar ambizzjuża. Konvint li tliet snin oħra, se jerġa' jkolli l-istess sodisfazzjon li nistqarr li pajjiżna huwa fost l-aktar pajjiżi sofistikati teknoloġikament fid-dinja.

**Riċerka u Innovazzjoni**

Jekk irridu li pajjiżna jkun fuq quddiem fost il-pajjiżi l-aktar kompettitivi u li jiġbed l-aqwa investiment, irridu nseddqu l-impenn tagħna fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Kif ħabbarna fl-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u Innovazzjoni li ppublikajna flimkien mad-Dokument ta' qabel il-Baġit, il-Gvern qed iżid in-nefqa pubblika fir-riċerka u innovazzjoni. Din l-istrateġija pproponiet Lm1.25 miljun għall-Programm Nazzjonali għar-Riċerka u Innovazzjoni. Bi pjaċir inħabbar li fil-fatt l-allokazzjoni se tkun aktar minn Lm250,000 aktar minn dan, jiġifieri total ta' kważi Lm1.5 miljun.

Hawnhekk irrid ngħid li l-Gvern għaqqad flimkien riżorsi mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija, il-*Malta Enterprise*, l-Università u s-settur privat. Dan it-tim waqqaf il-*EuroMedITI*, identifika u beda numru ta' proġetti f'setturi teknoloġiċi magħżula.

**Turiżmu**

L-importanza tat-turiżmu għal pajjiżna diġà ġiet enfasiżżata f'dan id-diskors. Pajjiżna jista jibqa jiġbed t-turisti jekk inkunu kompetittivi, jekk inkomplu ninvestu fil-prodott tagħna, jekk noffru esperjenza unika lil min iżurna, u jekk nifhmu li kulħadd għandu sehem x'jagħti.

Il-Gvern mhux ser joqgħod lura milli jinvesti kull fejn hemm bżonn biex naraw lil dan is-settur jikber u jtejjeb il-kwalità tat-turist. Għas-sena d-dieħla ser inkunu qed niddedikaw xejn anqas minn Lm15-il miljun favur dan is-settur importanti għall-ekonomija tagħna. Din is-somma tirrappreżenta żieda ta' kważi 40 fil-mija fuq il-vot approvat għal din is-sena.

Għas-sena d-dieħla l-Gvern se jerġa' jalloka Lm8 miljun direttament lill-Awtorità tat-Turiżmu. Barra minn din is-somma, se nallokaw Lm7.3miljun oħra favur titjib fil-prodott turistiku. Dan jinkludi t-

tkomplija tal-proġett tat-tempji ta' l-Imnajdra u Ħaġar Qim, l-iżvilupp ta' bajjiet ġodda u l-immaniġġjar aħjar ta' bajjiet eżisteni, skemi direttament favur l-industrija tat-turiżmu, u t-tkomplija ta' l-eżerċizzju ta' *branding* li jfisser ukoll aktar flus favur *marketing* addizzjonali għal pajjiżna.

In-nefqa tal-Gvern fuq il-prodott turistiku waħdu, inkluż dak li se nagħmlu fuq l-aspett storiku ta' dak l-istess prodott se tkun ta' Lm5 miljun.

Ma' dan irrid inżid l-valur ta' l-investimenti kollha li qegħdin nagħmlu taħt Ministeri differenti biex inwettqu proġetti u programmi li huma intiżi biex intejbu b'mod drastiku l-prodott turistiku tagħna li jinkludi, l-ambjent in ġenerali, l-indafa fit-toroq u fil-kampanja tagħna, baħar nadif, arja nadifa, toroq imsebbħa bil-fjuri u siġar, toroq ġodda u ta' kwalità u rħula u pjazez li jkunu ġew riabilitati.

Inżid ukoll il-valur tal-proġetti li ser inkunu qegħdin niffinanzjaw mill-fond konsolidat u mill-fondi tal-Unjoni Ewropea, biex nirrestawraw il-wirt storiku tagħna kull fejn hemm bżonn. Dan jgħodd għal bini storiku kollu li pajjiżna huwa mogħni bih, inkluż il-fortifikazzjonijiet uniċi li għandna kemm f'Malta u kemm f'Għawdex.

Dan kollu qed isir għaliex konvinti li għandna prodott uniku li jista jirbaħ il-kompetizzjoni qalila li qegħdin niffaċċjaw. Nafu li għandna ħafna x'noffru - taħlita ta' wirt storiku u kultura sinjura, baħar u kosta naturali, u irħula u pajsaġġ ikkulurit. Barra minn dan Għawdex joħolqilna opportunitajiet oħra għat-turiżmu għaliex hu jirrapreżenta valur miżjud għal gżira ta' Malta. Għalhekk irridu nippromovu lil Għawdex għal dak li hu – destinazzjoni b'karatteristiċi uniċi.

L-Air Malta tibqa kumpanija strateġikament vitali għal pajjiżna għaliex is-servizz li hi tagħti jirrispondi għal prioritajiet u bżonnijiet nazzjonali inkluż dawk industrijali.

Madanakollu r-realtajiet ta' llum jirrikjedu li nespandu l-mezzi li jeżistu biex inġibu t-turisti lejn pajjiżna. Kien għalhekk li aktar kmieni matul din

is-sena ħadna l-ewwel pass u nidejna skemi li permezz tagħhom ġbidna lejn pajjiżna linja tal-ajru *low cost* apparti dawk li kienu diġà joperaw. Hawnhekk, tajjeb infakkar li dawn l-iskemi se jiswew lill-Gvern aktar minn miljun lira. Dan qed ngħidu biex kulħadd jifhem li l-prezz ta' biljett *low cost* hu irħis għaliex ilkoll kemm aħna qed inħallsu biċċa minnu.

Madanakollu, l-Gvern hu konvint li din hi l-aħjar direzzjoni għal pajjiżna. Għalhekk minn hawn u ftit ieħor ser nieħdu t-tieni pass kif konna iddeċidejna aktar kmieni din is-sena u dan billi ninkoraġġixxu l-ftuħ ta' rotot ġodda bejn Malta u destinazzjonijiet ġodda minn pajjiżi Ewropej.

F'dawn l-aħħar ġranet il-Gvern rċieva r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp Konsultattiv li twaqqaf ftit tal-ġimgħat ilu. Dawn ir-rakkommandazzjonijiet ser ikunu integrati fil-Pjan Nazzjonali fuq it-Turiżmu. Il-ħsieb tagħna huwa li nibdew il-fażi ta' implimentazzjoni fl-aqsar żmien possibbli.

**Eżenzjoni mingħajr kreditu mill-ħlas tal-VAT fuq Attivitajiet Kulturali**

Il-kultura hija parti integrali mill-identita nazzjonali u ingredjent ewlieni għall-pakkett turistiku. Għalhekk, inqisu illi wasal iż-żmien li nkomplu ngħinu lill-komunità artistika lokali billi neżentaw mingħajr kreditu mill-ħlas tal-VAT dawk is-servizzi u l-attivitajiet ta' natura kulturali li jingħataw jew jiġu organizzati minn għaqdiet kulturali rikonoxxuti li l-ħidma tagħhom mhix għal skop ta' profitt.

Din il-miżura għandha tinkorraggixxi l-għoti u l-produzzjoni ta' aktar attivitajiet kulturali f'postijiet bħal Għawdex sabiex ikomplu jgħinu fl-iżvilupp kulturali u ekonomiku ta' postijiet bħal dawn.

***Host Families***

Niċċa partikolari marbuta mat-turiżmu li nixtieq nindirizza f'dan il-Baġit hija dik tal-*host families*. Aktar kmieni din is-sena, konna ħabbarna

struttura fiskali vantaġġjuża għal dan is-servizz. Jidhrilna li issa għandna nimxu pass ieħor billi nagħtu l-għażla lil dawn l-operaturi li jekk iridu jiġu eżentati mill-ħlas tal-bolla b'effett retroattiv.

## Servizzi Finanzjarji

Qed ikollna suċċess fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Din is-sena, huwa stmat li madwar 2,500 kumpanija ġdida se jkunu żdiedu fir-reġistru tal-kumpaniji. In-numru totali ta' kumpaniji f'dan ir-reġistru mistenni jkun ilaħħaq għal madwar 40,000. Illum għandna 18-il istituzzjoni bankarja, aktar minn 150 fondi ta' nvestiment u 8 kumpaniji għall-immaniġġjar tal-*insurance*.

Bi pjaċir ninnota illi, aktar kmieni din is-sena, lħaqna ftehim mal-Kummissjoni Ewropea li effetivament iħarsilna is-sistema ta' *full tax imputation*. Bħalissa qed niddiskutu mal-*Code of Conduct* (*Business Taxation*) *Group* il-provvedimenti kontra abbuż fis-sistema ta' taxxi proposta. Il-Gvern qed jittama li jagħlaq dan il-proċess politiku imminentament. Dalwaqt ser nippubblikaw il-leġislazzjoni neċessarja sabiex nimplimentaw, mill-1 ta' Jannar li ġej, il-ftehim li lħaqna mal-Kummissjoni Ewropea.

## Is-Settur tan-Negozji Żgħar u Medji

Nemmnu li dawk li jaħdmu għal rashom u n-negozji ż-żgħar huma fil-qalba tal-mutur ekonomiku ta' pajjiżna. Permezz tal-inizzjattivi kollha mħabbra f'dan il-Baġit, irridu li jiżdidilhom ix-xogħol sabiex joħolqu aktar impjiegi ġodda.

Miżura importanti li se nieħdu din is-sena hija li se nagħmluha possibbli għal raġel jew mara li jaħdmu fin-negozju tal-familja li jirreġistraw ruħhom bħala impjegati tal-istess negozju tal-familja għal skop ta' taxxa. Dan ifisser li raġel jew mara li jaħdmu fin-negozju tal-familja tagħhom ikollhom is-sehem tagħhom irreġistrat fil-kotba tan-negozju u għalhekk ikollhom l-opportunità u l-vantaġġ li jgawdu mill-benefiċċji soċjali kollha

u jkunu intitolati għall-pensjoni wara li jkunu ħallsu l-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali tagħhom. Għall-familja kkonċernata dan ma jfissirx biss aktar rikonoxximent għal xogħolhom, iżda fuq kollox il-fatt li n-negozju tal-familja nnifsu se jgawdi minn tnaqqis fit-taxxa.

Se nallokaw Lm1.4 miljun, kważi Lm1 miljun aktar mis-sena li għaddiet, għal titjib tal-postijiet minn fejn jaħdmu numru kbir ta' dawk li jaħdmu għal rashom u s-sidien tan-negozji żgħar. Dawn il-fondi se jwasslu għall-iżvilupp tal-Villaġġ tal-Artiġjanat f'Ta' Qali li jinkludi wkoll *Incubation Centre* għall-istudenti fl-artiġjanat u li se jitmexxa mill-MCAST. Se nkomplu l-programm ta' titjib fiż-żoni industrijali għall-*SMEs* fil-Ħandaq, l-Imrieħel, Ħaż-Żebbuġ, il-Mosta, Ħ'Attard u Ħal-Luqa.

Din is-sena rridu li dawk li jaħdmu għal rashom u s-sidien tan-negozji ż-żgħar jitnaqqsulhom l-ispejjeż tal-operat tagħhom. Irridu nikkonkludu emendi fir-regolamenti tal-liċenzi tal-kummerċ li jippermettu roħs fil-liċenzi tan-negozju filwaqt li nkomplu niffaċilitaw il-proċess tal-ħruġ tal-liċenzi tan-negozju fejn din tkun tista' tibda tinħareġ fi żmien definit.

***Venture Capital Fund***

Il-Gvern għadu kommess li joħloq *Venture Capital Fund.* Wara numru ta' attentati nemmnu li l-aħjar triq hija li dan il-Fond ikun illiċenzjat bħala Skema ta' Investiment Kollettiv fi ħdan l-Awtorità dwar is-Servizzi Finanzjarji. Il-Gvern, permezz tal-*Malta Government Investments Limited*, se jippromwovi u jgħin fil-finanzjament tal-fond billi jonfoq Lm900,000 mill-kapital tal-bidu.

**Riforma fil-Portijiet**

Ir-riforma tal-portijiet hija importanti ħafna sabiex intejbu l-kompetittività ta' pajjiżna. Beda jaħdem operatur ġdid fil-Port il-Kbir u tkomplew it-taħdidiet mal-partijiet kollha.

Konna nafu li se jkollna negozjati mhux faċli. Id-diskussjonijiet mal-ħaddiema tax-xatt waqgħu ftit lura minħabba l-iżviluppi li kienu qed jiġru fil-*General Workers' Union*. Issa li l-*Malta Dockers' Union* u l-*Union* Ħaddiema Magħqudin ġew rikonoxxuti bħala l-*Unions* li għandhom id-dritt jinnegozzjaw għas-setturi rispettivi tagħhom, it-taħdidiet qegħdin ikomplu.

It-taħdidiet li għaddejjin jinkludu ir-rijorganizzazzjoni tal-ħaddiema tax-xatt, it-tneħħija ta' prattiċi li għadda żmienhom u li ma jgħoddux għall-port modern u t-traħħis tat-tariffi għall-immaniġġjar tal-merkanzija.

## Titjib fir-Regolamentazzjoni

It-titjib fir-regolamentazzjoni u t-tnaqqis tal-burokrazija huwa essenzjali għas-settur tan-negozju tagħna. Għaldaqstant, il-Gvern se jkompli jinsisti li kull tip ta' regolamentazzjoni għandha tkun proporzjonata. F'dan il-qasam diġà sar ħafna xogħol. Madanakollu għadna m'aħniex kuntenti u rridu aktar titjib. Irridu nkomplu nneħħu dak kollu li jxekkel l-oqsma tan-negozju u l-ħolqien tal-ġid fil-pajjiż.

Tabella Numru 14 tispjega il-Pjan ta' Azzjoni għas-Simplifikar imħejji mill-Gvern.

> Tabella 14: Pjan ta' Azzjoni ta' Simplifikar
>
> Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Simplifikar qed iressaq ħames prijoritajiet ewlenin tal-Gvern fir-rigward ta' *Better Regulation*, sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Dawn huma:
>
> - *Twaqqif ta' Entitatijiet tat-tip One Stop Shop, jew tisħieħ ta' Entitajiet Eżistenti.* Din l-mossa strateġika għandha l-għan li toffri firxa ta servizzi tal-Gvern u tagħmilhom faċilment aċċessibbli b'tali mod li il-pubbliku u n-negozji jiffrankaw ħin u flus għax jinqdew minn post wieħed li jkopri il-ħtiġijiet kollha relatati. Dan ikun ta' benefiċċju wkoll għall-Entitajiet tal-Gvern għax dawn ikunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mir-riżorsi umani u fiżiċi li għandhom għad-disposizzjoni tagħhom.

- *Reviżjoni ta' Proċeduri/Proċessi.* Hawnhekk, livelli ogħla ta' effiċjenza u servizzi sodi ta' *customer service*, f'diversi oqsma, huma ntiżi biex inaqqsu it-tul ta' proċessi li jwasslu għall-għotja ta' servizz, mingħajr ma jikkompromettu is-servizz aħħari lil-klijent.

- *Użu ta' Teknoloġija tal-Informatika u Kommunikazzjoni (ICT) u Servizzi ta' e- Government.* F' dan il-qasam qed nibnu fuq il-kisbiet notevoli li saru fis-settur tal ICT u l-hekk imsejħa soċjeta' tal-informatika u il-vantaġġi ewlenin f'dan ir-rigward huma li tagħmel possibbli għall-pubbliku u n-negozji li jiffrankaw ħin u flus għax ma jkollhomx għalfejn jogħqodu jiġru minn Dipartiment għall-ieħor u għax ir-regolamenti li jkunu applikabbli għalihom jarawhom aktar ċari u aċċessibbli.

- *Simplifikar ta Leġislazzjoni u rrevokar ta' leġislazzjoni barra minn żmienha.* Dan il-pass strateġiku hu mmirat li jagħmel il-ligijiet ċari, jinftehmu, aġġornati maż-żminijiet u faċli biex tużhom, b'mod li jkunu jistgħu jwasslu għal regolamenti ta' kwalità.

- *Konsolidazzjoni ta' Formolarji.* Flimkien ma l-istrateġiji li semmejna, dawn il-miżuri għandhom l-iskop li jeliminaw komplessità żejda, b'mod li l-interazzjoni bejn Gvern u l-klijent issir aktar sempliċi u faċli għal min hu involut u b'hekk is-servizzi tal-Gvern jingħataw b'effiċjenza akbar lill-klijenti.

Ġew identifikati aktar minn 100 proposta biex jiġu mplimentati. Minn dawn, aktar minn 30 huma meqjusa ta prijorita' għolja, filwaqt li 20 proposta jistgħu jiġu mplimentati b'mod immedjat. Hu ppjanat li tibda l-implimentazzjoni ta' 50 proġett minnufih. Fil-fatt il-*Better Regulation Unit* bdiet tpoġġi il-Pjan fis-seħħ.

Dawn il-proposti mistennija jkollhom effett fuq is-soċjeta' kollha, għalkemm b'mod varjat, billi jirrigwardaw aspetti differenti tal-ħajja ta' kuljum, bħas-servizzi tas-saħħa, edukazzjoni, is-settur tan-negozju u s-servizzi tas-sigurtà soċjali.

Ħafna mill-proġetti li qegħdin nimplimentaw mistennija jkollhom effett li jinħass sew. Eżempji tipiċi jinkludu:

- Twaqqif ta' *Business Facilitation Centre* biex jingħata tagħrif preliminarju lin-negozji u biex iservi bħala *one-stop-shop* ħalli jiffaċilità reġistrazzjoni ta' negozji mill-bidu tagħhom. B'hekk jitħaffef il-proċess preżenti ta' reġistrazzjoni ta' negozju ġdid, li huwa kumplikat, burokratiku għall-aħħar u jieħu ħafna ħin; u

- Introduzzjoni ta' applikazzjoni waħda komuni biex ikunu evalwati it-talbiet kollha għall-benefiċċji soċjali u b'hekk jinġabru f'waħda l-applikazzjonijiet kollha preżenti biex, per eżempju, tapplika għall-Assistenza Soċjali, Pensjoni tal-Età, *Allowance* Supplementari, u Assistenza Medika.

- Proposti oħra li huma nklużi fil-pjan ikunu ta' benefiċċju partikolari għal setturi speċifiċi minħabba n-natura aktar speċjalizzata tagħhom.

Dan huwa biss l-ewwel pass, għalkemm fundamentali, biex ngħinu in-negozji tagħna joperaw f'qafas aktar kompettitiv, kif ukoll biex ngħinu liċ-ċittadin biex ikollu l-akbar aċċess possibbli għas-servizzi tal-Gvern, bl-eħfef mod possibbli.

Il-Gvern se jkun qed jikkonsulta mas-settur privat, mal-entitatijiet pubbliċi, ma' dawk fil-qasam tal-volontarjat, kif ukoll ma' individwi biex jsma l-fehmiet tagħhom. Dan hu konformi mal-politika tal-Gvern tiegħi biex, f'kull waqt, ifittex il-konsultazzjoni.

## Għawdex

Fid-Dokument ta' Qabel il-Baġit, il-Gvern ippublika strateġija soċjo-ekonomika għal Għawdex. Din l-istrateġija tenfasizza l-ħtieġa li nsostnu l-ekonomija distinta ta' din il-gżira, inkabbru s-suq tax-xogħol, ninvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ u li titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-Għawdxin.

Mr. Speaker,

Huwa pjaċir tiegħi li nħabbar li l-Baġit għal Għawdex għas-sena d-dieħla ser jiżdied b'Lm2.4 miljun fuq dak ta' din is-sena, għal madwar Lm29 miljun. Nemmnu li dan l-investiment għandu jgħin biex Għawdex ikompli jiżviluppa kif jixraqlu.

Qegħdin nallokaw somma rekord ta' Lm9 miljun għall-proġetti kapitali ġewwa Għawdex. Tajjeb infakkar li ma' dawn wieħed irid iżid ukoll l-investiment ta' Lm3 miljun fil-bini ta' kumpless edukattiv ġdid mill-fondazzjoni għall-iskejjel t'għada u Lm3.3 miljun għall-impjant tat-tisfija tad-dranaġġ.

Tabella Numru 15 tagħti spjegazzjoni aktar dettaljata tal-proġetti li ser isiru f'Għawdex.

Tabella 15

Lm1.4 miljun ser jiġu allokati għall-proġetti turistiċi li jkomplu jsaħħu lil Għawdex bħala destinazzjoni distinta. Dawn jinkludu ir-riġenerazzjoni tal-ġnien pubbliku ta' Villa Rundle, ix-xtajta qrib il-Port ta' l-Imġarr bl-iżvilupp ta' Żewwieqa u żvilupp tal-bajjiet. Il-Gvern ser jikkumissjona studju dwar l-interventi meħtieġa biex iċ-Ċittadella tiġi ppreservata bl-aħjar mod, filwaqt li permezz ta' *Heritage Malta*, se nkomplu l-proġett tal-ħolqien ta' ċentru għall-viżitaturi u xogħol ieħor fit-tempji tal-Ġgantija. Matul is-sena li ġejja ser jibda jopera ċ-ċentru ta' taħriġ għall-industrija turistika li l-Gvern qiegħed jibni bħalissa fil-Qala. Se jibda jopera wkoll l-*incubation centre* għall-artiġjanat f'Għajnsielem.

Ser inkomplu l-programm ta' titjib tat-toroq fiż-żoni residenzjali li għal din is-sena qed tiġi allokata is-somma ta' 'l fuq minn nofs miljun lira. B'fondi lokali u fondi mill-Unjoni Ewropea, ser nagħmlu b'Lm2.1 miljun xogħol estensiv fuq toroq prinċipali, li jinkludu t-Triq tax-Xlendi, it-Triq li twassal għal Ta' Pinu u t-triq tar-Ramla. Hekk kif jiġu konklużi l-istudji dwar triq alternattiva għall-Port ta' l-Imġarr, il-Gvern ikun f'pożizzjoni li jibda x-xogħol fuq il-*by-pass* għall-Port ta' l-Imġarr skond ir-riżultati ta' dawn l-istudji.

Fil-qasam ta' l-edukazzjoni, il-Gvern permezz tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada se jagħti bidu għall-proġett ta' twaqqiegħ tal-kumpless eżistenti tal-*Junior Lyceum* u skola sekondarja tas-subien biex minflokha tinbena skola moderna għall-bżonnijiet tal-lum u t'għada, faċilitajiet sportivi u faċilitajiet ta' parkeġġ taħt l-art. Fl-istess ħin jerġgħu jiġu offruti opportunitajiet edukattivi ġodda permezz ta' korsijiet u skemi mfassla biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' Għawdex b'mod partikolari.

Se jitkompla wkoll il-programm ta' modernizzar ta' l-Isptar Ġenerali t'Għawdex permezz tal-immodernizzar ta' *Operating Theatre* kif ukoll it-twaqqif ta' *Radiology Unit* b'finanzjament ta' Lm1 miljun. Fl-istess ħin se jibda jitħaddem d-*decompression chamber*.

Mil-lat ambjentali, matul is-sena li ġejja ser jitkompla u jitlesta l-bini ta' l-Impjant għat-Trattament tad-Dranaġġ filwaqt li jinbeda x-xogħol fuq il-bini ta' *Waste Transfer Station*, b'investiment ta' Lm1.5 miljun. Ser jitkompla l-proġett ta' l-immaniġġjar tad-Dwejra kif ukoll ir-riabilitazzjoni tal-miżbla tal-Qortin, bi spiża ta' Lm750,000.

Għawdex għandu jgawdi wkoll mis-settur tal-*cruiseliners*. Għaldaqstant l-Awtorità Marittima se tinvesti f'faċilitajiet ta' rbit meħtieġa għal dan is-settur.

Nagħrfu l-impatt qawwi tal-istaġjonalità fuq is-suq turistiku Għawdxi. Ħadna d-deċizjoni li mill-1 ta' Jannar li ġej, mat-tiġdid ta' liċenzja jew ħruġ ta' liċenzja ġdida, l-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni u *catering* ġewwa Għawdex ser jibdew iħallsu 75 fil-mija tar-rati preżenti.

Matul il-2006, il-Gvern kompla bl-eżerċizzju li jidentifika aktar servizzi tiegħu li jistgħu jimxu lejn Għawdex. Fost is-servizzi identifikati hemm: is-servizz tal-*Freephone* 153, ix-xogħol marbut mas-salarji tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku u tal-pensjonijiet tat-Teżor, ix-xogħol relatat mal-verifika tar-reġistrazjonijiet u ċertifikati tal-Istat Ċivili fir-Registru Pubbliku.

Sa l-aħħar ta' din is-sena mistenni li numru minn dawn ikunu mxew lejn Għawdex. Dan ifisser li madwar 30 ħaddiem Għawdxi li qabel kienu jaħdmu Malta se jkunu jaħdmu ġewwa Għawdex. Se nkomplu s-sena d-dieħla bil-għan aħħari li l-ħaddiema Għawdxin fis-servizz pubbliku fil-qasam ġenerali ikollhom xogħol ġewwa Għawdex. Il-viżjoni tal-Gvern hija li kull xogħol ta' *back-office* li tirrikjedi l-amministrazzjoni pubblika jsir ġewwa Għawdex. Il-Gvern jemmen li Għawdex jipprovdi ambjent ideali għal dan it-tip ta' xogħol u jawgura li l-industrija privata ssegwi il-passi tal-Gvern.

Dan kollu għandu jgħin sabiex Għawdex ikollu ekonomija iktar żviluppata fuq il-bażi tad-distintività tal-gżira, jissaħħu l-opportunitajiet edukattivi u taħriġ u titjib il-kwalità ta' ħajja.

## Lejn Soċjetà li Tħaddan lil Kulħadd

### Is-Saħħa u l-Kura fil-Komunità

Mr. Speaker,

Pajjiżna jiftaħar li għandu servizzi ta' saħħa tal-ogħla kwalità. Mertu tad-dedikazzjoni u l-impenn tal-ħaddiema f'dan il-qasam, tat-tobba, konsulenti, infermiera, *midwives*, fisjoterapisti, *occupational therapists*, *social workers*, teknici medici tal-laboratorji, paramedici oħra u s-*support staff* kollu f'dan il-qasam.

F'isem il-poplu Malti nixtieq nirringrazzjakom ilkoll.

Biex ikollna ġejjieni fis-sod irridu nassiguraw ruħna li l-livell u kwalità tas-servizzi tas-saħħa tagħna ikomplu jingħataw il-prijorità meħtieġa. Għaldaqstant il-Gvern ser ikompli jinvesti bil-kbir fis-settur tas-saħħa. Kien tassew interessanti li wieħed jinnotta li parti sostanzjali mill-kwestjonarji li rċevejna mingħand il-pubbliku bħala rejazzjoni għad-dokument ta' qabel il-Baġit, fejn intwera biċ-ċar li s-settur tas-saħħa għandu jibqa' jingħata l-ogħla prijorità mill-Gvern.

Fi żmien għaxar xhur oħra l-Gvern se jkun qiegħed jinawgura l-ikbar proġett li Gvern Malti qatt daħal għalih. F'Lulju 2007, il-kumpanija Skanska hija marbuta li tlesti l-Isptar Mater Dei u tgħaddih lill-Gvern. Il-poplu Malti se jibda jgawdi minn qabża kbira fis-servizzi tal-kura ta' saħħtu.

In-numru ta' operazzjonijiet ġewwa San Luqa qed dejjem jiżdied. Fil-waqt li fis-sena 2000 saru ftit inqas minn 25,000 operazzjoni, matul is-sena li għaddiet saru 'il fuq minn 32,000 operazzjoni, żjieda ta' 7,000 operazzjoni – medja ta' 20 operazzjoni iżjed kuljum. Minkejja dan, l-Gvern irid jirrispondi għad-domanda dejjem akbar ta' pazjenti li qed jistennew biex issirilhom operazzjoni. Irrid nagħmilha ċara li hawn mhux qed nirreferu għall-operazzjonijiet urġenti: dawn isiru mill-ewwel. Fil-waqt li qed ninvestu fi sptar li ser ikollu aktar tejatri għall-operazzjonijiet, irridu nagħrfu li r-riżorsi umani f'dan is-settur huma skarsi. Għalhekk il-Gvern qed jaħdem fuq soluzzjoni sabiex titnaqqas il-*waiting list.*

Ħadna dawn id-deċiżjonijiet biex inkomplu ntejbu s-servizzi tas-saħħa:

Se nibnu faċilità ta' rijabilitazzjoni ta' 280 sodda ġewwa Ħal Luqa, maġenb ir-Residenza San Vinċenz. Dan ifisser li n-numru ta' sodod se jkun erba' darbiet aktar milli għandna llum. Il-proġett tagħna se jippermetti ukoll li pazjenti li llum jibqgħu fl-isptar minħabba riabilitazzjoni ikun jistgħu jingħataw kura barra mill-isptar u s-sodod jiġu użati kollha biex tingħata kura akuta.

Se nittrasformaw l-Isptar Zammit Clapp għall-servizzi tal-Onkoloġija u d-Dermatoloġija tal-ogħla kwalità b'investiment ta' Lm3.5 miljun. It-talba għall-kura tal-kanċer qegħda dejjem tiżdied u l-Isptar Boffa illum sar żgħir wisq. Is-servizz il-ġdid se joffri faċilitajiet aħjar kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-ħaddiema.

Wasal ukoll iż-żmien li jsir investiment ġdid fl-apparat mediku ta' l-onkoloġija. Se jsir investiment qawwi f'xiri ta' żewġ *linear accelerators* li jiswew madwar Lm2 miljun.

Ftit ġranet ilu kelli l-pjaċir niftaħ il-kumpless Madre Theresa f'San Vinċenz li jakkomoda 108 mara anzjana. Ċertifikat ieħor tal-impenn tal-Gvern favur l-anzjani tagħna. Dan il-proġett ta' Lm3 miljun huwa pass ieħor minn programm sħiħ ta' mmodernizzar mibni ftit tas-snin ilu.

Is-sena d-dieħla ser jibda l-bini ta' Dar għall-Anzjani fil-Mellieħa fuq kunċett ta' *Public Private Partnership.*

**Servizzi Soċjali Personalizzati u l-Qasam tad-Diżabilità**

Il-qasam soċjali jibqa' pilastru ewlieni fil-politika tal-Gvern. In-nefqa fuq benefiċċji soċjali is-sena dieħla se tlaħħaq is-somma rekord ta' Lm243.3 miljun. Dan huwa settur li jsaħħaħ is-soċjetà Maltija u jagħti kontribut indirett lejn l-ekonomija.

Mr. Speaker,

Ma nistgħux naħdmu biex nassiguraw ġejjieni fis-sod għall-uliedna jekk ma nagħrfux l-isfida li għandna quddiemna biex insostnu sistema ta' pensjonijiet li tkun adegwata għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Il-konvenjenza politika li nipposponu s-soluzzjoni għal din il-problema mhux fl-interess taż-żgħażagħ tagħna. Huwa għalhekk li tul din is-sena l-Gvern ikkonkluda proċess ta' diskussjoni li ilu għaddej aktar minn għaxar snin taħt amministrazzjonijiet differenti. Il-Gvern ressaq quddiem dan il-Parlament l-abbozz li jaħseb biex is-sistema ta' pensjonijiet tagħna tkun

waħda sostenibbli u adegwata. Irrid nuri l-apprezzament tiegħi lil kull min ta sehemu biex nistgħu nibdew l-implementazzjoni ta' din ir-riforma importanti s-sena d-dieħla.

Minbarra n-nefqa tal-Gvern fuq il-benefiċċji soċjali, dan il-Baġit qed jivvota mal-għaxar miljun lira biex isostni servizzi soċjali personalizzati li jwieżnu lil persuni f'ċirkostanzi diffiċli. L-aġenzija Appoġġ, l-aġenzija Sedqa, l-aġenzija Sapport illum saru għodda mportanti biex is-soċjetà Maltija tipprovdi servizzi professjonali ta' sapport li min ikollhom bżonnhom.

Is-sena d-dieħla, ser nagħtu bidu għal numru ta' programmi soċjali oħra biex jindirizzaw diversi bżonnijiet.

Il-Gvern ser jidħol fi sħubija mal-Knisja biex tinfetaħ Dar Pirotta f'Birkirkara bħala residenza fil-komunità għall-persuni b'diżabilità.

Il-Gvern qed jagħti bidu wkoll għall-programm ta' *fostering* għat-tfal b'diffikultajiet kbar. Dan is-servizz ser jibni fuq is-suċċess li akkwistajna fl-aħħar snin fil-programm ta' *fostering* li żviluppat l-Aġenzija Appoġġ.

Flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, ser jiġi żviluppa Ċentru għall-Ħarsien tat-Tfal Matul il-Jum li għandu jservi bħala mudel ta' kif il-Gvern Ċentrali u Kunsill Lokali jistgħu jikkoperaw flimkien biex jipprovdu dan is-servizz importanti.

Is-sena d-dieħla ser inwaqqfu wkoll l-Uffiċċju tal-Kummissarju ta' l-Għaqdiet Volontarji li għandu jipprovdi l-qafas legali u amministrattiv biex dan is-settur importanti għall-iżvilupp tas-soċjetà Maltija jibqa' jissaħħaħ. Dan il-qafas ser jagħti għodda importanti lill-għaqdiet volontarji biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fi programmi ta' l-Unjoni Ewropea.

Is-sena d-dieħla ser tkun iċċelebrata s-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd. Din is-sena għandha sservina ta' opportunità biex

niffokaw fuq kif is-soċjetà Maltija tista' tkompli miexja fit-triq li tassigura opportunitajiet indaqs għal kull settur tas-soċjetà Maltija.

Dawn huma biss ftit mill-miżuri importanti li l-Gvern qed jivvota għalihom għas-sena d-dieħla, finanzjament li jissarfu f'servizzi li jwieżnu lil dawk il-persuni li l-aktar għandhom bżonn biex ħadd ma jibqa' lura.

**Il-Qasam tad-Djar**

Filwaqt li l-Gvern għadu jħaddan politika li tinkoraġġixxi liċ-ċittadini biex kemm jista' jkun isiru sid ta' djarhom, il-gvern huwa wkoll konxju li hemm faxxa fis-soċjeta' li ma jistgħux jilħqu dan l-għan mingħajr għajnuna. Għaldaqstant, il-politika tal-Gvern f'dan is-settur hija waħda dinamika u tfittex li tindirizza dan il-qasam permezz ta' inizzjattivi differenti li jvarjaw minn għajnuniet lill-familji żgħażagħ li jkunu se jixtru l-ewwel dar tagħhom mis-suq privat sa programm estensiv ta' nstalazzjoni ta' *lifts* f'djar u appartamenti ta' persuni anzjani jew b'diżabbilità.

Matul din is-sena, l-Awtorità tad-Djar ħarġet 260 post għall-bejgħ bi prezz issusidjat b'aktar minn Lm1.6 miljun. Għaddiet ukoll madwar mitt appartament lid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali sabiex jiġu allokati b'kera. L-Awtorità qed tippjana li toħroġ għall bejgħ 'il fuq minn 450 post ieħor matul is-sena d-dieħla. Ser tkompli taħdem fuq proġetti ta' Riġenerazzjoni Urbana fil-lokalitajiet tal-Belt, Furjana, Msida u Bormla.

Din is-sena, l-Awtorità nediet żewġ skemi sabiex tattira propjetà ta' sidien privati fis-suq tal-akkomodazzjoni soċjali.

L-ewwel skema tħeġġeġ lil sidien li huma nteressati li jikru l-propjetà tagħhom lill-Awtorità tad-Djar għal perjodu ta' mhux inqas minn għaxar snin. Il-Gvern beħsiebu jagħti rati vantaġġjuża ta' taxxa ta' 5 fil-mija fuq id-dħul ta' dawn l-kirjiet.

Fit-tieni skema, l-Awtorità tixtri propjetajiet mingħand sidien privati, li jew jinkrew wara li jiġu rranġati, jew jinbiegħu taħt l-iskema ta' *Shared Ownership.*

Matul is-sena li għaddiet, l-Awtorità tad-Djar nediet l-ewwel skema tax-*Shared Ownership* bi 132 propjeta'. L-iskop ta' din l-iskema hu li tgħin lil iktar persuni sabiex isiru sidien ta' darhom. Tabella Numru 16 tagħti aktar informazzjoni dwar din l-iskema.

| Tabella 16: Skema ta' Shared Ownership |
|---|
| Din l-iskema taħdem billi dawk l-applikanti li finanzjarjament ma jkunux jifilħu jixtru l-propjetà kollha jingħataw l-opportunità sabiex jixtru parti mill-propjetà, bil-possibilità li jkunu jistgħu jixtru l-bqija aktar tard. F'din l-iskema, il-Gvern qed jagħti opportunità lil dawk li normalment ma jlaħqux max-xiri ta' propjetà biex il-flus ekwivalenti li huma s-soltu jonfqu f'kirjiet, jonfquhom biex isiru sidien ta' darhom. Il-prezz kummerċjali tal-propjetajiet taħt l-ewwel ħarġa tal-iskema kien ilaħħaq 'il fuq minn Lm5 miljun. Dan juri kemm dan il-Gvern hu mpenjat bil-fatti biex jinvesti fl-akkomodazzjoni soċjali ta' dawk li l-aktar għandhom bżonn. |
| Fid-diskussjonijiet ta' qabel il-Baġit, irċevejna kummenti pożittivi ħafna fuq din l-iskema. Jidher li din waslet biex numru ta' familji li għal ftit qatt ma setgħu jaslu li jkunu sidien ta' djarhom issa qed iwettqu x-xewqa tagħhom. Mis-sena dieħla, il-Gvern qed jestendi din l-iskema għal min jixtri mill-privat. L-Awtorità tad-Djar ser tiffinanzja jew tiggarantixxi sa Lm8,000 lil persuni li jkunu jixtiequ jixtru l-ewwel dar tagħhom imma li ma jkollhomx il-kapital kollu biex jieħdu *loan* mill-Bank. B'din l-iskema rridu ngħinu mal-400 familja oħra ssir sid ta' darha. |

## Ambjent

Mr Speaker,

Illejla, irridu inkomplu nikkonfermaw l-impenn tagħna favur l-ambjent. Se nivvutaw total ta' Lm46.9 miljun għall-iżvilupp rurali u ambjent fejn l-ispiża kapitali fl-2007 ser titla' b'Lm5.8 miljun għal Lm22.1 miljun. Barra minn dan se ninvestu wkoll Lm21.8 miljun oħra, Lm5.8 miljun aktar mis-sena li għaddiet f'toroq u proġetti li jkomplu jtejbu d-dehra u l-ambjent tal-ibliet u l-irħula tagħna.

Dan ifisser investiment kapitali ta' Lm43.9 miljun, jew Lm11.6 miljun aktar mis-sena l-oħra. Dan kollu sabiex darna tkun isbaħ.

Ilum, 17 fil-mija ta' l-art Maltija hija imħarsa bil-ligi bħala *Special Area of Conservation* jew *Specially Protected Area.* Dan jissarraf f'aktar minn 50 km kwadru ta' art protetta bil-liġi. Dan ma jinkludix il-meded ta' ibħra li ukoll qed jitqiegħdu taħt ħarsien legali. Dan il-Gvern jgħożż il-wirt storiku ta' pajjiżna fejn ser ninvestu Lm3.6 miljun fi proġetti li se jkomplu joħorġu fid-deher il-wirt storiku u arkitettoniku ta' pajjiżna. Dan ifisser li filwaqt li jitkompla il-ħafna xogħol li diġà nbeda, jinbdew ukoll proġetti ġodda. Dawn jinkludu fost l-oħrajn, xogħol fuq il-Biblijoteka Nazzjonali, l-Bieb prinċipali ta' l-Imdina, il-konservazzjoni u r-restawr tal-Knisja l-Qadima tas-Siġġiewi, l-akwadott bejn Santa Venera u Ħal Balzan u xogħlijiet fiċ-ċentru tal-Qrendi, Ħal Luqa, Ħaż Żabbar u f'Xatt is-Sajjieda Marsaxlokk, fil-Mall fil-Furjana u l-*promenade* ta' Ta' Xbiex.

Pajjiżna hu magħruf għal kilomentri sħaħ ta' swar u fortifikazzjonijiet, madwar 25 kilometru li jdawru t-tlett t'ibliet, il-Belt u l-Furjana, l-Imdina u ċ-Cittadella f'Għawdex. Irridu nwaqqfu l-ħsara li qed issirilhom waqt li noħorġu s-sbuħija tagħhom. Ħejjejna proġett li ħa jiswa' għexieren ta' miljuni ta' liri u li ser ikun mifrux fuq 7 snin. Qed nikkonsidraw il-proġett għal ko-finanzjament tal-Unjoni Ewropea.

Flimkien mal-Lm11.9 miljun allokati mill-Gvern Ċentrali, il-Kunsilli Lokali ser ikollhom l-opportunità li jipparteċipaw f'numru ta' programmi li għalihom hemm allokati 'il fuq minn Lm1.8 miljun. Tabella Numru 17 tispjega dan fid-dettal.

| Tabella 17: Fondi għal titjib fil-lokalitajiet |
| --- |
| Il-Gvern irid li l-awtoritajiet tiegħu ikunu impenjati li jippromwovu l-izvilupp tal-lokalitajiet tagħna. Għal dan il-għan, il-MEPA approvat li tgħaddi ftit anqas minn miljun lira lill-lokalitajiet diversi għal proġetti ta' titjib urban. L-*Urban Improvement Fund* jinġabar meta jkunu approvati applikazzjoniiet li ma jipprovdux għal parkeġġ fejn m'hemmx *Commuted Payment Parking Scheme*. Il-flus jistgħu jintużaw għal proġetti sottomessi mill-Gvern ċentrali jew mill-Kunsilli Lokali. Fost il-proġetti li jkunu meqjusa mill-MEPA bħala eliġibbli għal dan il-fondi hemm ġonna, skemi għat-titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku, u faċilitajiet għal persuni b'diżabbiltà. <br><br> Fond ieħor amministrat mill-MEPA huwa *Environment Initiatives in Partnership Programme* (EIPP). Dan huwa maħsub sabiex jgħin lil dawk il-komunitajiet li jkunu għaddew minn xi inkonvenjent minħabba żvilupp konsiderevoli li jkun seħħ fil-lokalità tagħhom. Il-MEPA temmet erba' proġetti bil-fondi ta' l-EIPP. Dawn kienu r-restawr tal-kappella ta' San Mikiel f'Burmarrad, it-tindif tas-sit f'Tal-Baqqari, ir-restawr tal-*Victoria Lines* f'Ta' Kaduma u l-monitoraġġ tas-sikek artifiċjali qrib il-Merkanti fil-ponta tad-Dragunara. Għaddej ukoll xogħol fuq tmien proġetti oħra fosthom fuq dokumentarju edukattiv dwar il-baħar Mediterran u żewġ proġetti ta' restawr f'Għawdex. <br><br> Il-Kunsilli Lokali, flimkien ma' NGOs, ser ikunu jistgħu jipparteċipaw minn żewġ programmi tal-Unjoni Ewropea biex ikomplu jtejbu l-kwalità tal-ħajja fil-lokalitajiet tagħhom. Ser nallokkaw Lm500,000 mill-*European Agricultural Fund for Rural Development* kif ukoll Lm300,000 mill-*European Regional Development Fund.* |

***Waste Management***

Il-*WasteServ* ġiet allokata Lm3.5miljun bħala ko-finanzjament mill-Fondi Strutturali tal-Unjoni Ewropea għar-riabilitazzjoni tal-miżbliet magħluqa fil-Magħtab, il-Qortin u Wied Fulija. Qegħdin avvanzati fir-riabilitrazzjoni tal-miżbla tal-Magħtab.

L-*engineered landfill* f'Ta' Żwejra ħadet madwar 600,000 tunellata skart. issa li din imtliet, il-Gvern qed jinvesti Lm10 miljun fl-iżvilupp tal-*engineered landfill* ġdida fl-Għallis. Huwa stmat li l-faċilità għall-iskart domestiku se timtela b'rata ta' 250,000 tunnellata fis-sena għal perjodu ta' mhux inqas minn seba' snin.

Il-*WasteServ* tinsab fi stadju avvanzat ferm sabiex tibda tħaddem il-ħames Ċentri għal Riċiklaġġ ta' Skart Goff u x-xahar id-dieħel l-ewwel tnejn minn dawn iċ-ċentri. Dawn iċ-ċentri se jagħmluha faċli sabiex wieħed jiddisponi minn materjal goff.

L-iżvilupp ta' dawn iċ-ċentri huwa parti mill-proġett li jinkludi wkoll l-introduzzjoni ta' aktar *bring-in sites* u l-kampanja ta' informazzjoni kontinwa. Dan kollu qed isir permezz ta' kważi Lm2 miljun ko-finanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Inizjattivi oħra jinkludu *Family Park* maġenb Sant'Antnin, taħwil ta' siġar u ċentru għall-annimali. Nitlob lill-Kamra tieħu Tabella Numru 18 bħala moqrija.

Tabella 18

***Family Park* maġenb Sant'Antnin**

Ġie sottomess il-*Project Description Statement* lill-MEPA biex isir *Family Park* f'M'Scala biswit l-impjant ta' Sant'Antnin. Is-sit magħżul s'issa kien mitluq u kien jintuża bħala miżbla. Permezz ta' dan il-*Family Park* se nsebbħu l-karatteristiċi ta' l-ambjenti naturali f'Wied il-Għajn.

**Taħwil ta' Siġar**

Wara s-suċċess tal-kampanja 34U, il-Gvern se jkompli jagħti sehmu ħalli jitħawlu aktar siġar f'pajjiżna. Is-sena li ġejja se tikber il-mira biex bl-għajnuna tal-pubbliku jkomplu jkunu żviluppati ħames żoni madwar Malta. Se nirduppjaw il-mira għas-sena d-dieħla għal 20,000 siġra. Għalkemm bosta mis-siġar qed jingħataw mill-pubbliku, il-Gvern minn naħa l-oħra qed jieħu ħsieb ilesti l-infrastruttura meħtieġa, inkluż bini ta' ħitan tas-sejjiegħ, ġibjuni u sistemi ta' tisqija, kif ukoll ix-xogħol ta' manutenzjoni. Sabiex il-Gvern ikompli jagħmel il-parti tiegħu il-vot għal dan il-għan se jiżdied għal Lm150,000.

***Animal Welfare***

Il-Gvern qed jaħdem biex iwaqqaf fondazzjoni għall-ħarsien ta l-annimali. L-iskop ta' din il-fondazzjoni jinkludi tmexxija taċ-Ċentru Nazzjonali għall-Ħarsien ta' l-Annimali li se jwaqqaf il-Gvern. Dan iċ-ċentru li se jkun jiġbor fih għadd ta' faċilitajiet moderni li jinkludu *after-care clinic* u *boarding kennels*. Għal dan il-għan il-Gvern qiegħed jivvota Lm60,000 sabiex l-2007 jinbeda x-xogħol fuq dan iċ-ċentru.

## Programm ta' Żvilupp Rurali

Taħt il-programm preżenti tal-Iżvilupp Rurali 2004 sal-2006, hemm numru ta' miżuri li se jkomplu għaddejjin għal numru ta' snin fil-programm li jmiss. Dawn huma miżuri agro-ambjentali u jinkludu bini ta'

ħitan tas-sejjiegħ u biedja organika. Għal dawn il-miżuri l-infiq maħsub għas-sena 2007 huwa ta' madwar Lm1.5 miljun. Minn barra dawn hemm ukoll l-għajnuniet mill-Fondi Strutturali għall-investiment fi strutturi agrikoli kif ukoll għal titjib fl-ipproċessar. In-nefqa għas-sena 2007 taħt dawn iż-żewġ miżuri tlaħħaq il-Lm1.44 miljun. Għaldaqstant, l-infiq totali fuq l-iżvilupp rurali għas-sena 2007 huwa maħsub li jilħaq madwar Lm2.94 miljun.

Fis-sena 2007 se jidħol ukoll fis-seħħ il-programm il-ġdid tal-iżvilupp rurali 2007-2013. Taħt dan il-programm li bħalissa qiegħed jiġi ppreparat qed nipproġettaw nefqa ta' madwar Lm2.5 miljun għas-sena 2007. Minnhom Lm2 miljun huma f'għajnuniet għall-bdiewa u l-produtturi sabiex isaħħu l-kompetittività u jilħqu l-i*standards* ta' kwalità, saħħa u ħarsien tal-ambjent. Il-bqija tal-fondi li jammontaw huma għall-proġetti f'investiment f'żoni rurali li jsebbħu u jippriservaw l-ambjent rurali u naturali.

## Sajd

Fil-qasam tas-sajd fost il-prijoritajiet prinċipali se jkun hemm aktar titjib fil-faċilitajiet għas-sajjieda fil-portijiet ta' Malta u Għawdex, miżuri sabiex tissaħħaħ il-produzzjoni tal-akwakultura, ri-allokazzjoni tal-pixkeriji kif ukoll għajnuna għall-immodernizzar u titjib fil-bastimenti. Dawn il-proġetti flimkien m'oħrajn se jkunu ffinanzjati parzjalment mill-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, qed jiġu vvutati Lm1.9 miljun fl-2007.

## Toroq

Tajna spinta lin-*network* tat-toroq f'Malta u Għawdex. Permezz tal-fondi mill-ħames protokoll finanzjarju bejn Malta u l-Italja u fondi mill-Unjoni Ewropea, in-nefqa medja ghat-toroq f'Malta u Għawdex għal dawn l-aħħar tliet snin telgħet għal aktar minn Lm15 il-miljun kull sena.

L-effett pożittiv ta' dawn ix-xogħolijiet qiegħed jinħass. Huwa ppjanat li dan ir-ritmu ta' xogħol sejjer jinżamm fis-snin li ġejjin. L-isfidi li x-xogħolijiet isiru skond l-ogħla kwalità u fiż-żmien stipulat qegħdin niffaċċjawhom b'suċċess. Tibqa' l-isfida li nwettqu x-xogħolijiet bl-anqas inkonvenjent għal kull min juża t-toroq jew jgħix madwarhom.

Mis-sena 2003 'l hawn inbnew 379 triq residenzjali ġdida f'46 lokalità f'Malta filwaqt li f'Għawdex għaddej programm ieħor immexxi mill-Ministeru għal Għawdex u l-ADT. Ir-ritmu ta' xogħol li nqabad f'dawn l-aħħar snin naqqas sostanzjalment it-toroq li ma kienux saru. Il-Gvern ippubblika lista definittiva ta' toroq li fadal. Identifikajna madwar 450 triq residenzjali li se jinbnew mill-Gvern Ċentrali sal-aħħar tal-2008. L-istima għax-xogħolijiet f'dawn it-toroq, b'tul ta' 55 kilometru, taqbeż it-Lm8 miljun. Diġà nħarġu sejħiet għall-offerti biex ikun jista' jibda' x-xogħol fuq 80 minn dawn it-toroq.

Fix-xhur li ġejjin il-Gvern se joħroġ sejħa għall-offerti għal proġetti ta' toroq arterjali li ser jiġu ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Fost dawn ser ikun hemm l-*upgrading* tat-triq li tgħaqqad Triq Diċembru 13 fil-Marsa mal-*Cruise Passenger Terminal* u l-*upgrading* ta' Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa f'Ħal Luqa. Huwa ppjanat li sa tmiem is-sena d-dieħla nlestu b'kemm jiswew Lm13 miljun proġetti ta' toroq arterjali.

## Fondi mill-Unjoni Ewropea

L-esperjenza ta' pajjiżna fl-użu tal-fondi mill-Unjoni Ewropea kienet pożittiva u li tawgura tajjeb għall-futur.

Mr. Speaker,

Is-sena d-dieħla ser ikollna quddiemna sfidi ħafna akbar f'dan il-qasam! Għandna ħafna aktar fondi mill-Unjoni Ewropea milli kellna s'issa. Aktar minn 4 darbiet iżjed fis-sena. Taħt dan il-Baġit ġdid, Malta ser ikollha medja ta' Lm50.4 miljun fis-sena f'Fondi Strutturali u Fond ta' Koeżjoni biss. Dan minbarra Lm33.6 miljun oħra mill-Fond għall- Agrikoltura u

Żvilupp Rurali u l-Fond tas-Sajd għall-perjodu finanzjarju. Dawn iċ-ċifri huma sbieħ iżda jirrekjedu għaqal u dixxiplina biex jissarfu f'benefiċċji għal Pajjiżna.

Il-Gvern ħejja l-istrateġija u abbozzi tal-Programmi li bħalissa qed jiġu nnegozjati b'mod informali mal-Kummissjoni Ewropea. L-għan tal-Gvern huwa li dawn il-Fondi jibdew jissarfu fi proġetti minn kmieni s-sena d-dieħla.

L-istrateġija tal-Gvern għall-użu ta' dawn il-Fondi hija mibnija fuq numru ta' għanijiet fosthom li ntejbu l-kompetittività ta' pajjiżna u l-livell ta' l-għixien tal-poplu Malti u Għawdxi u li nindirizzaw il-bżonnijiet speċjali ta' Għawdex. Minn dawn l-għanijiet joħorġu numru ta' prijoritajiet fosthom l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, r-riċerka u l-innovazzjoni, t-turiżmu, il-wirt storiku, l-industrija, l-ambjent, t-trasport u l-enerġija li tiġġedded. Dawn huma prijoritiajiet li ħarġu wkoll fid-djalogi li kelli fil-bidu ta' din is-sena. Nista' ngħid li hemm ukoll qbil fil-prinċipju mal-Kummissjoni Ewropea fuq dawn il-prijoritajiet u issa wieħed jistenna li nibdew in-negozjati formali. Meta l-programmi jiġu maqbula jkunu jistgħu jibdew il-proġetti. Fl-istess ħin qed jiġu mħejjija wkoll l-istrateġiji fil-qasam ta' l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u dik tas-sajd.

Jiena konvint li l-poplu Malti u Għawdxi u l-amministrazzjoni pubblika ser jidħlu għal dan l-impenn bl-istess kuraġġ u perseveranza li wera kulħadd fl-implimentazzjoni tal-Programmi eżistenti. Jien fiduċjuż li ser ikollna l-istess riżulat.

## Inċentivi biex Inkattru x-Xogħol, il-Ħolqien tal-Ġid u Miżuri Oħra

Mr Speaker,

Fil-bidu tad-diskors tiegħi, stqarrejt li l-għan ta' dan il-Baġit huwa li niżguraw ġejjieni fis-sod għall-uliedna. Wieħed mill-mezzi kif nilħqu dan huwa li jitkattar ix-xogħol u tikber l-ekonomija. Ghalhekk, se nipproponu numru ta' miżuri, imfassla propju biex nilħqu dawn l-għanijiet.

Nixtieq nemfasizza li fil-miżuri li se jħabbar, il-Gvern qed jimxi b'responsabbiltà u qed jieħu deċiżjonijiet wara analiżi dettaljata tad-dħul proġettat għas-snin li ġejjin. Inżid ukoll li l-miżuri li qed nipproponi f'dan il-baġit għandhom iħallu effett ekonomiku pożittiv bħal per eżempju aktar nisa fid-dinja tax-xogħol, ħaddiema aktar produttivi u tnaqqis tal-piż fuq min jaħdem għal rasu.

Huwa fatt li qed jirnexxilna nrażżnu n-nefqa rikurrenti tagħna mingħajr ma nonqsu fl-obbligi soċjali tagħna. Barra minn dan, id-dħul tal-Gvern qiegħed konsistentement iżomm mal-miri li qed inpoġġu fil-bidu ta' kull sena, mingħajr żidiet f'taxxi.

Aħna persważi li hekk se jerġa' jiġri s-sena d-dieħla u fis-snin ta' wara. It-tkabbir ekonomiku li qegħdin nirreġistraw juri biċ-ċar li ż-żieda fid-dħul li qed ikollna ġejja minn aktar attivita ekonomika u mhux minn żieda fit-taxxi.

Għalhekk għandi l-pjaċir inħabbar li għat-tieni sena konsekuttiva, irnexxilna nfasslu Baġit mingħajr taxxi ġodda u saħansitra mingħajr żieda f'taxxi eżistenti.

Aktar minhekk, din is-sena nibdew nieħdu l-ewwel passi biex intaffu fejn nistgħu l-piż tat-taxxi.

## Benefiċċju tal-Enerġija u Inċentivi għall-Konservazzjoni tal-Enerġija

Kif għidt fil-bidu tad-diskors tiegħi, il-Gvern jirrikonoxxi l-pressjoni li qed jagħmel il-prezz taż-żejt fuq il-familji Maltin u Għawdxin. B'responsabilità nsostnu li jekk għandha tingħata xi għajnuna, din għandha tkun żieda fid-dħul tal-familji tagħna u mhux f'sussidju fuq is-*surcharge*. Inkella nkunu qed niddiskriminaw kontra min jagħraf il-bżonn li ma jaħlix u li juża' l-enerġija b'responsabilità. Il-Gvern se jintroduċi benefiċċju b'rabta mal-Enerġija għal faxex tas-soċjetà li jeħtieġu s-solidarjietà tagħna lkoll.

Biex intaffu l-piż fuq dawk il-familji li qegħdin f'qagħda finanzjarja diffiċli, ser nintroduċu l-benefiċċju tal-enerġija. Il-familji li qegħdin fuq benefiċċji mhux kontributorji, li huma madwar 17,000 familja, ser jibbenefikaw minn din l-għajnuna. Il-benefiċċju ser ikun ikkalkolat biex jinnewtralizza l-impatt tas-*surcharge* a bażi tal-konsum medju, skond in-numru tal-befiċċjarji. Ser jingħata f'forma ta' *voucher* li jissaraf mal-pagament tal-kont tad-dawl u ilma ta' dik il-familja.

Irridu nieħdu miżuri li jkomplu jgħinu fl-użu aħjar ta' l-enerġija li nipproduċu. Mill-1 ta' Novembru se tingħata għajnuna ta' 20 fil-mija fuq il-prezz tax-xiri, sa massimu ta' Lm50, fuq makni tal-ħasil tal-ħwejjeġ, *tumble dryer*, friġġ, friża, dishwasher u apparat għall-arja kkundizzjonata għal skop domestiku li jkunu ċċertifikati li huma effiċjenti fl-użu ta' l-elettriku. Dan se jsir skond Avviż Legali 99 tal-2002.

## Bdil fis-Sistema ta' Kif Tiġi Komputata l-Kontribuzzjoni Soċjali fuq l-Impjieg *Part-Time*

Ix-xogħol fuq bażi *part-time* bħala x-xogħol prinċipali sar element ewlieni ta' l-ekonomija Maltija. Għalhekk, il-Gvern iddeċieda li jaġġusta l-bolla tas-Sigurta Soċjali li jħallas impjegat fuq bażi *part-time* bħala x-xogħol ewlieni tagħhom.

S'issa, min jaħdem bħala impjegat *part-time* għal aktar minn tmien siegħat fil-ġimgħa, jaqla' kemm jaqla' paga, irid iħallas kontribuzzjoni minima ta' Lm5.79 fil-ġimgħa, li hija ekwivalenti għal 10 fil-mija tal-Paga Minima Nazzjonali. Din twassal biex ħafna nies li jixtiequ jaħdmu *part-time* ma jarawhiex li tirrendilhom.

Biex jindirizza d-diffikultajiet ta' min jaħdem *part-time* f'dan il-Baġit, il-Gvern iddeċieda li mill-1 ta' Jannar 2007 se jaġġusta l-bolla ta' mpjegati li jaħdmu tmien siegħat jew aktar għal 10 fil-mija ta' kemm ikunu qed jaqilgħu minn dak ix-xogħol.

Din ir-rata ta' bolla pro-rata tkun tintitola lill-kontributur għall-benefiċċji kontributorji pro-rata. B'dawn il-miżuri, il-Gvern ikun qed itaffi l-piż fuq il-ħaddiem u jsaħħaħ is-settur tax-xogħol *part-time*. Huwa kkalkulat li din il-miżura ser tnaqqas id-dħul tal-Gvern b'madwar miljun lira.

Il-Gvern iqis din il-miżura bħala pass ieħor fir-riforma li hemm bżonn biex ix-xogħol *part-time* jirrendi aktar. Id-diskussjonijiet li jmiss jikkonċernaw il-kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali li jħallas min jimpjega impjegati *part-time*. Din id-diskussjoni trid tikkonsidra wkoll l-obligi ta' min jimpjega lejn l-impjegati tiegħu li jkunu qed jaħdmu bejn 8 siegħat u 19-il siegħa fil-ġimgħa.

**Miżuri biex igħinu lill-familja fir-responsabiltajiet tagħha**

Il-Gvern huwa konxju li ħafna aktar nisa u rġiel qed jagħmlu l-għażla li jaħdmu barra d-dar. Din l-għażla tfisser sfidi ġodda għal familja biex tilqa' għar-responsabiltajiet tagħha bħala familja f'bilanċ mar-responsabiltajiet tax-xogħol. F'dan il-baġit, il-Gvern ser jieħu numru ta' miżuri biex igħinu lill-familja fir-responsabiltajiet tagħha.

L-ewwel, il-Gvern iddeċieda li jestendi dawk il-miżuri tas-Servizz Publiku favur il-familja għas-Settur Publiku kollu. B'din il-miżura ser jibbenifikaw mat-tlettax-il elf impjegat tas-Settur Publiku.

It-tieni, il-Gvern ser jippermetti ġenituri li jnaqqsu Lm400 mill-ammont taxxabbli biex jagħmel tajjeb għal parti mill-ispejjeż li jsiru f'servizzi ta' *childcare* liċenzjati.

It-tielet, f'dawk il-każijiet fejn minn jimpjega jħallas lill-impjegati tiegħu għal spejjeż relatati ma' servizzi ta' *childcare*, dawn l-ispejjes jiġu konsidrati bħala spejjes ta' l-intrapriża u għalhekk deduċibli mid-dħul taxxabbli.

Ir-raba', f'dawk il-każijiet fejn impjegati ikunu qed jirċievu ħlas minn min jimpjegħom għal spejjeż relatati ma' servizzi ta' *childcare*, dan il-ħlas mhux ser jibqa' kkunsidrat bħala *fringe benefit* f'idejn l-impjegat u għalhekk mhux ser ikun aktar taxxabbli.

Ma' dawn il-miżuri, il-Gvern ser ikompli jgħin b'finanzi u b'pariri tekniċi s-servizzi eżistenti ta' ħarsien tat-tfal biex itejbu l-operat tagħhom. Ser jitkomplew ukoll programmi varji għall-istess skop li huma finanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew.

**Revizjoni fil-Bands tat-Taxxa**

L-istudju tal-Kummissjoni għar-Reviżjoni tat-Taxxa wera biċ-ċar li l-Gvern m'għandux ibiddel ir-rati tat-taxxa. Madanakollu, il-Gvern għandu jikkunsidra kif jaġġusta l-*bands* tat-taxxa ħalli naghtu inċentiv akbar lil min irid jaħdem tassew.

Iddeċidejna, wara analiżi dettaljata, li nbiddlu l-istruttura preżenti tal-*bands* tat-taxxa biex inħajru lil min irid jaħdem. L-għan ewlieni wara din il-bidla hu li nnaqqsu d-diżinċentiv li hemm llum għal min irid jaħdem aktar. Illum għandna min jirrifjuta li jagħmel is-sahra għax jaħseb li se jkollu jħallas rata ta' taxxa ogħla milli jekk imur jagħmel part-time bil-15 fil-mija.

Din il-bidla se tfisser tnaqqis ta' madwar Lm12-il miljun fid-dħul tal-Gvern mit-taxxa tad-dħul.

Tabelli 19 u 20 juru l-faxex ġodda għall-komputazzjoni konġunta u komputazzjoni separata rispettivament:

Tabella 19

**Rati Riveduti tat-Taxxa fuq id-Dħul ta' koppja miżżewġa li tagħmel dikjarazzjoni konġunta**

| Rati Preżenti | | Rati Riveduti | |
|---|---|---|---|
| **Dħul sa** | **Rata** | **Dħul sa** | **Rata** |
| 0 - 4300 | 0 | 0-4500 | 0 |
| 4301 - 6000 | 15 | 4501-8000 | 15 |
| 6001 - 7250 | 20 | | |
| 7251 - 8500 | 25 | 8001-10000 | 25 |
| 8501 - 10000 | 30 | | |
| 10000+ | 35 | 10000+ | 35 |

Tabella 20

**Rati Riveduti tat-Taxxa fuq id-Dħul ta' dikjarazzjoni separata**

| Rati Preżenti | | Rati Riveduti | |
|---|---|---|---|
| **Dħul sa** | **Rata** | **Dħul sa** | **Rata** |
| 0 - 3100 | 0 | 0-3250 | 0 |
| 3101 - 4100 | 15 | 3251-5500 | 15 |
| 4101 - 5000 | 20 | | |
| 5001 - 6000 | 25 | 5501-6750 | 25 |
| 6001 - 6750 | 30 | | |
| 6751+ | 35 | 6751+ | 35 |

Bil-bidla li qiegħed inħabbar illum, f'każ ta' komputazzjoni konġunta, l-ammont mhux taxxabbli fl-ewwel kategorija se jogħla b'Lm200 għal Lm4,500. Biex tassew ninċentivaw lil min irid jaħdem, il-*band* tad-dħul intaxxata bi 15 fil-mija, se tiġi estiża b'Lm2,000 minn Lm6,000 għal Lm8,000; b'hekk tispiċċa r-rata ta' 20 fil-mija. Il-*band* ta' 25 fil-mija se togħla b'Lm750 u tiġi estiża sa Lm10,000 biex b'hekk tispiċċa r-rata ukoll ta' 30 fil-mija.

Koppja li ma taqlax aktar minn Lm8,000 fis-sena, b'din ir-riforma se tiffranka sa Lm168 fis-sena f'taxxa fuq id-dħul. Jekk taqla bejn Lm8,000 u l-Lm10,000, din il-familja se tibbenifika minn tnaqqis fit-taxxa ta' bejn Lm168 u Lm243 fis-sena.

F'każ ta' komputazzjoni separata, l-ammont mhux taxxabbli se jogħla b'Lm150 għal Lm3,250. Biex tassew ninċentivaw lil min irid jaħdem, il-*band* tad-dħul intaxxata bi 15 fil-mija, se tiġi estiża b'Lm1,400 għal Lm5,500. B'hekk tispiċċa r-rata ta' 20 fil-mija. Il-*band* ta' 25 fil-mija se togħla b'Lm1,750, u tiġi estiża sa Lm6,750 biex b'hekk tispiċċa r-rata ta' 30 fil-mija.

Persuna mhux miżżewġa li taqla' bejn Lm4,500 u Lm5,500 fis-sena, se tiffranka bejn Lm43 u Lm118. Min jaqla' bejn Lm5,500 u Lm7,000 ser jiffranka bejn Lm118 u Lm143 fis-sena. Dan ifisser li koppji li bejniethom jaqilgħu bejn Lm11,000 u Lm14,000, u li jagħżlu komputazzjoni separata, se jiffrankaw bejn Lm236 u Lm286.

Il-messaġġ hu ċar. Il-Gvern jemmen li taxxa medja ta' 15 fil-mija sa massimu ta' 25 fil-mija huwa kontribut raġonevoli għall-ħtiġijiet finanzjarji tal-pajjiż. Mhux eskluż li jekk il-miri finanzjarji jkomplu jintlaħqu u l-ekonomija tassew tirrispondi b'mod pożittiv għal din il-miżura, il-Gvern ikompli b'din ir-riforma u jibda japplika r-rata ta' 35 fil-mija aktar tard minn kif inhi bħalissa.

Fil-bidla li se nwettqu fuq il-*bands* ta' dawk li jagħmlu l-komputazzjoni separata u dawk li jgħixu waħedhom, qed tipprova tilħaq l-istess għan, dak li tinċentiva lil min irid jaħdem.

Tabelli 21 u 22 jindikaw l-impatt pożittiv tal-*bands* il-ġodda.

Tabella 21: Komputazzjoni Konġunta

| Komputazzjoni Konġunta | |
|---|---|
| **Dħul** | **Tnaqqis fit-Taxxa** |
| 0-4300 | 0 |
| 4500 | 30 |
| 5000 | 30 |
| 5500 | 30 |
| 6000 | 30 |
| 6500 | 55 |
| 7000 | 80 |
| 7500 | 118 |
| 8000 | 168 |
| 8500 | 168 |
| 9000 | 193 |
| 9500 | 218 |
| 10000 | 243 |
| 10500+ | 243 |

Tabella 22: Komputazzjoni Konġunta

| Komputazzjoni Separata | |
|---|---|
| **Dħul** | **Tnaqqis fit-Taxxa** |
| 0-3100 | 0 |
| 3250 | 23 |
| 3500 | 23 |
| 4000 | 23 |
| 4500 | 43 |
| 5000 | 68 |
| 5500 | 118 |
| 6000 | 118 |
| 6500 | 143 |
| 7000 | 143 |
| 7500 | 155 |

Ħadna wkoll id-deċiżjoni li l-ħlas ta' rifużjonijiet li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni għandu jagħti lil diversi individwi u kumpaniji għas-snin l-imgħoddija ma jibqgħux ikunu posposti aktar għal żmien indefinit. Għalhekk, matul is-sena d-dieħla, kull min għandu jieħu xi ħlas lura tat-taxxa se jkun infurmat bl-ammont li għandu jieħu u kif se jitħallas. L-ammonti dovuti għandhom jitħallsu fiż-żmien stipulat. Il-medja prevista tkun ta' 12-il xahar u tasal sa massimu ta' 36 xahar fejn l-ammonti huma sostanzjali. Id-dipartiment se jintrabat li jħallas imgħax ta' 1 fil-mija fix-xahar. B'hekk ikun ittieħed pass ieħor li ma jħallix lil kulmin ħallas xi taxxa żejda fil-għama.

**Għajnuna Supplimentari**

B'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007, il-Gvern qed iżid ir-rata tal-benefiċċju supplimentari kemm għal koppja miżżewġa kif ukoll għal persuna weħidha. Dan il-benefiċċju jipprovdi dħul addizzjonali għal min id-dħul tiegħu huwa baxx u ma jibbenifikax mill-*Allowance* tat-Tfal. Għall-koppja miżżewġa, dan il-benefiċċju se jiżdied b'minimu ta' Lm15 fis-sena u b'massimu ta' Lm20 fis-sena skond id-dħul tal-koppja. Għall-persuna weħidha, dan il-benefiċċju se jiżdied b'minimu ta' Lm12.50 fis-sena u b'massimu ta' Lm15 fis-sena dejjem skond id-dħul tal-persuna. Huwa stmat li dan l-aġġustament se jfisser żieda ta' Lm250,000 fis-sena fuq dan il-benefiċċju għas-sena 2007.

**Taxxa fuq l-ivvjaġġar bl-ajru**

Issa li se nkunu lħaqna l-miri finanzjarji tagħna u fl-isfond tal-miżuri tat-taxxa li għadni kif ħabbart, b'effett mill-1 ta' Ġunju 2007, se nneħħu l-Lm10 mit-taxxa tal-ivvjaġġar li konna daħħalna f'Awwissu tas-sena li għaddiet.

**Pensjoni tad-Diżabilità Severa**

Fil-Baġit ta' sentejn ilu, konna ħadna l-miżura li meta żewg persuni b'diżabilità li jkunu qed jirċievu l-pensjoni tad-diżabilità severa jiżżewġu, dawn ma jitilfuhiex. Naf personalment li din il-miżura diġa' għamlet differenza fil-ħajja tan-nies. Se nimxu pass ieħor: persuna b'diżabilità li tkun qed tirċievi l-pensjoni tad-diżabilità severa u tiżżewweġ persuna mhux b'diżabilità ma titlifx il-pensjoni minħabba d-dħul ta' min tiżżewweġ fl-ewwel ħames snin taż-żwieġ. B'din il-miżura, il-pensjoni tad-diżabilità severa tkompli tkun ta' għajnuna finanzjarja għall-persuna konċernata fl-ewwel ħames snin taż-żwieġ.

**Pensjoni tar-Romol**

Fil-konsultazzjoni wiesa' li saret qabel dan il-Baġit, kelli x-xorti li niltaqa' ma' żewġ sitwazzjonijiet ta' persuni romol li spjegawli kif il-Baġit jista' jkun ta' għajnuna għalihom. Armla ta' tliet itfal li spiċċaw l-edukazzjoni sekondarja spjegatli li kien ser ikollha tnaqqas is-siegħat li taħdem biex ma taqlax aktar mill-paga minima għax inkella kienet titlef il-pensjoni tar-romol. U dan fiż-żmien meta l-ispejjeż tat-tfal tagħha kienu jiżdiedu aktar ma jikbru. Armla oħra kelmitni fuq il-fatt li xtaqet terġa' tiżżewweġ imma li meta tiżżewweġ kienet titlef il-pensjoni tagħha. Il-Gvern sema' dawn l-istejjer u ddeċieda li f'dan il-Baġit nirranġaw din is-sitwazzjoni. B'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007, armla jew armel b'pensjoni tar-romol jibqgħu ntitolati għal rata fissa ta' din il-pensjoni meta jaqilgħu aktar mill-paga minima u fl-ewwel hames snin taż-żwieg.

**Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti**

Se nemendaw it-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti skond kif spjegat f'Tabella 23 sabiex ngħinu lill-koppji meta jirtu mingħand xulxin.

| |
|---|
| Tabella 23 |
| Illum meta persuna tiret propjeta li kienet ir-residenza tal-persuna li minnha oriġina t-trasferiment, l-ewwel Lm10,000 tal-valur tal-propjetà huma eżenti mit-taxxa. Qegħdin nestendu dan il-valur għal Lm15,000. |
| Fl-istess waqt, jekk il-persuna li tiret il-propjeta kif insemmi hawn fuq tkun tgħix mal-persuna li minnha oriġina t-trasferiment, din il-persuna tħallas ir-rata konċessjonarja ta' 3.5 fil-mija, minflok il-5 fil-mija fuq it-tieni Lm10,000. Din ir-rata konċessjonarja ta' 3.5 fil-mija issa se tapplika fuq it-tieni Lm15,000. |
| Hemm regola oħra li meta persuna tkun tgħix fil-fond li tiret u li fih ma tkunx tgħix il-persuna li minnha oriġina t-trasferiment, l-ewwel Lm20,000 tal-valur tal-propjeta tattira r-rata ta' 3.5 fil-mija minflok 5 fil-mija. Din l-Lm20,000 se tkun estiża għal Lm30,000 tal-valur tal-propjeta. |

### *Securitisation*

Hawn ammont ta' nies li ilhom jistennew snin twal sabiex jitħallsu mill-Gvern wara l-esproprijazzjoni ta' l-art tagħhom. Il-Gvern, permezz tal-liġi tas-Securitisation, kif spjegat f'Tabella 24, ser iwaqqaf fond ta' Lm20 miljun sabiex jinqatgħu aktar malajr dawn il-pendenzi.

Tabella 24: Fond tal-Propjetà

Bħalissa għandna numru kbir ta' persuni li għadhom qed jistennew kumpens għal dik l-art li tteħditilhom mill-Gvern għal skopijiet pubbliċi.

Illum, il-liġi tas-*Securitisation* qed toffrilna opportunità ġdida biex il-Gvern jonora l-obbligi tiegħu ħafna aktar qabel milli kieku nibqgħu għaddejjin bil-prattiċi ta' dawn l-aħħar snin.

Tajjeb ngħid li dawn il-kredituri diġà sar provvediment għalihom matul is-snin u, għaldaqstant, dak li qed nipproponi f'dan il-Baġit mhu se jkollu l-ebda mpatt fuq id-dħul tal-Gvern, billi għandu jitqies biss bħala finanzjament skond ir-regoli tal-*European System of Accounts* (ESA) tal-1995.

Matul is-sena d-dieħla, il-Gvern se jpoġġi numru ta' propjetajiet tiegħu ġewwa fond, amministrat minn istituzzjoni finanzjara li se tintagħżel wara li ssir sejħa għall-offerti, u li se tkun ikkwotata fuq il-Borża ta' Malta.

Il-Fond għandu joffri lil dawn il-kredituri tal-Gvern, *bonds* li jimmaturaw wara għaxar snin b'rata ta' imgħax. L-akbar vantaġġ ta' din l-iskema hi li min ikun irid jillikwida dan l-investiment jew jissellef fuqu, ikun jista' jagħmel dan billi jew ibiegħ l-*bonds* fuq il-Borża ta' Malta jew inkella juża l-istess *bond* sabiex jagħmel tajjeb għal self ieħor. Il-parteċipazzjoni f'dawn il-*bonds* se ssir b'offerta, iżda min għandu jieħu mingħand il-Gvern fuq propjetà esproprijata se jingħata priorità bi preferenza għall-mijiet ta' sidien żgħar li ilhom jistennew snin twal għall-kumpens dovut.

Id-dokument tat-twaqqif ta' dan il-fond, stmat b'valur ta' Lm20 miljun, se jorbot lill-istituzzjoni finanzjarja bi proċeduri ta' trasparenza u kontabbilità, fuq kif tista' tiddisponi mill-propjetà fil-fond, l-obbligi tagħha ta' ħlas, l-imgħax annwali lill-*bond holders* u l-kapital meta jagħlqu l-*bonds* wara għaxar snin.

## Kumpens għall-Għoli tal-Ħajja

Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja din is-sena, kif maħduma fuq ir-rata tal-inflazzjoni li toħroġ mill-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut, għandha tkun ta' Lm2.25 fil-ġimgħa.

Bħal daż-żmien sena konna għaddejjin minn ċirkostanzi speċjali bħala riżultat taż-żieda qawwija fil-prezzijiet taż-zejt. Dakinhar konna bassarna li bħala riżultat ta' dan, l-għoli tal-ħajja għal din is-sena kien se jkun kemmxejn ogħla. Sabiex jagħmel tajjeb għal dan, fil-Bagit tas-sena li għaddiet, il-Gvern ta żieda ta' 50 ċenteżmu mill-kumpens għall-għoli tal-ħajja ta' din is-sena bil-quddiem. Dan l-ammont ta' 50 ċenteżmu huwa parti miż-żieda ta' Lm2.25 imsemmija hawn fuq.

## Ħarsitna 'l Quddiem

Mr. Speaker.

Dan huwa Baġit li bħall-Baġit tas-sena li għaddiet ma jagħmel ebda żidiet fit-taxxi. Jimxi pass ieħor b'aġġustamenti tat-taxxa fuq id-dħul biex jippremja lil min jaħdem. Huwa Baġit li jsaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-mara fis-soċjetà Maltija. Huwa Baġit li minnu se jgawdu il-familji Maltin kollha.

Meta ngħidu li flimkien rridu nibnu ġejjieni fis-sod għal uliedna ma nkunux qed nitkellmu dwar xi ħaġa fil-bogħod.

Il-ġejjieni jibda llum għax jissawwar b'dak li nagħmlu jew ma nagħmlux mil-lum. Ma nistgħux nitfgħu fil-ġenb il-problemi li għandna llum għax ngħidu li fadal iż-żmien. Il-Gvern insista li jiffaċċja l-problema tal-pensjonijiet illum biex uliedna ma jiġux iffaċċjati bi kriżi għada.

Hekk jistenna l-poplu Malti minn tmexxija serja.

Il-Baġit li ippreżentajt illum huwa ġebla fil-binja li flimkien irridu ntellgħu għal ġejjieni fis-sod. Kull miżura li qed nieħdu rridu nanalizzawha f'dan id-dawl: Kemm tgħin biex waqt li llum ikun tajjeb, għada jkun aħjar?

Id-dinja li uliedna se jkunu jgħixu fiha għaxar, ħmistax, għoxrin sena oħra se tkun differenti mid-dinja li fiha qed ngħixu llum. Kif se tkun eżatt ħadd ma jaf. Tiddependi ħafna minna llum. Iżda fil-ħżuż li qed jitfasslu llum, nistgħu nilmħu l-qafas ta' l-istampa t'għada li qed tissawwar.

Se jkollna dinja dejjem aktar dominata mit-teknoloġija ta' l-informazzjoni. Irridu niżguraw li t-teknoloġija tkun għas-servizz tal-bniedem u mhux bil-maqlub. It-teknoloġija trid titfassal fuq ix-xbieha tal-bniedem u mhux il-bniedem fuq ix-xbieha tat-teknoloġija. L-investiment qawwi li qed nagħmlu fl-edukazzjoni ta' uliedna jagħtihom iċ-ċavetta biex jiftħu l-

bibien tal-ġejjieni, jaħkmu u mhux jinħakmu mill-possibiltajiet li se toffri din id-dinja.

Irridu nassiguraw irwieħna li dawk fost uliedna li għal xi raġuni, ma jkunux jistgħu jaħkmu l-possibiltajiet il-ġodda, ma jaqgħux fil-ġenb tas-soċjetà u jaqgħu lura. Dawn uliedna wkoll u rridu inwieżnuhom biex id-dinjità tagħhom qatt ma tkun imkasbra. U huma wkoll jilħqu l-milja tagħhom.

Fid-dinja tal-ġejjieni, s-soċjetà se tibqa' tkun aktar importanti mill-iStat. F'din is-soċjetà, jingħataw aktar u aktar importanza u setgħa l-organizzazjonijiet mhux governattivi li jiffurmaw is-soċjetà ċivili. Irridu nsibu l-mod kif inkomplu nsaħħu l-isforzi ta' dawn l-organizzazjonijiet. Flimkien ma' l-iStat huma joħolqu soċjetà mibnija fuq nisġa ta' komunikazzjoni li tassew tistħoqq lil uliedna u li tissodisfa l-ħtiġijiet u l-ħiliet varji tagħhom.

Fil-bini ta' ġejjieni fis-sod għal uliedna hemm post importanti wkoll għal min ma jaqbilx mal-politika tagħna. Id-diskussjoni dwar soluzzjonijiet alternattivi għal dak li jagħmel il-Gvern u għal dak li qed jipproponi f'dan il-Baġit, isaħħaħ il-ġejjieni ta' uliedna. Hemm affarijiet li ma jimpurtax li ma naqblux dwarhom. Imma hemm ħwejjeġ oħra li jeħtieġu li kulħadd, inkluż l-Oppożizzjoni, niġbdu l-istess linja. Nemmen li l-poplu tagħna huwa għatxan li jarana naħdmu aktar flimkien. Jeħtieġ li naħdmu aktar flimkien biex uliedna jkollhom ġejjieni fis-sod.

Aħna lkoll familja waħda u huwa biss bħala familja waħda li nistgħu nikbru aktar b'saħħitna.

L-aħħar kelma. Uliedna jkollhom ġejjieni fis-sod jekk aħna, il-Maltin u l-Għawdxin tal-lum, ikollna fiduċja fina nfusna u fil-ħiliet tagħna. Flimkien diġa mxejna ħafna u rbaħna kemm-il sfida. Flimkien nibnu ġejjieni aħjar għalina u ġejjieni fis-sod għal uliedna.

*STATEMENT* NRU. A

**DĦUL 2006 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA + | BIDLA - | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Lm | Lm | Lm | Lm | |
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 242,100,000 | 250,244,000 | 8,144,000 | - | Dħul aktar milli kien previst mill-*final settlement system.* |
| | Sigurta' Soċjali | 193,800,000 | 209,800,000 | 16,000,000 | - | Iżjed dħul milli kien mistenni minn kontribuzzjonijiet mħallsa minn ħaddiema mal-privat u minn dawk li jaħdmu għal rashom; terz mill ammont jirrappreżenta kontribuzzjoni mill-iStat. |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 72,290,000 | 73,190,000 | 900,000 | - | Iżjed dħul milli kien previst mid-dazji ta' importazzjoni. |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 94,891,000 | 94,816,000 | - | 75,000 | |
| | Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 182,200,000 | 174,300,000 | - | 7,900,000 | Mistenni anqas dħul milli kien previst |
| | | **785,281,000** | **802,350,000** | **25,044,000** | **7,975,000** | |

*STATEMENT* NRU. A

**DĦUL 2006 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 20,313,000 | 18,957,000 | - | 1,356,000 | Anqas dħul milli kien previst minn drittijiet imposti mill-*WasteServ*. |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 10,171,000 | 10,843,000 | 672,000 | - | |
| Korporazzjonijiet Pubbliċi | 2,733,000 | 2,233,000 | - | 500,000 | Mhux mistenni li l-*Malta Maritime Authority* tgħaddi profitti lill-Gvern matul l-2006.. |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 10,000,000 | 10,000,000 | - | - | Il-profitti attwali għas-sena 2005 li ġew mgħoddija lill-Gvern. |
| Kera | 9,400,000 | 9,420,000 | 20,000 | - | |
| Profitti minn Investimenti | 1,800,000 | 6,200,000 | 4,400,000 | - | Żieda minħabba li profitti/*dividends* aktar milli kienu previsti ġew mgħoddija lill-Gvern mill-*Maltacom* u l-*Bank of Valletta.* |
| Ħlas lura u nteressi fuq self mogħti mill-Gvern | 77,000 | 77,000 | - | - | |
| Għotjiet Barranin | 82,574,000 | 75,966,000 | - | 6,608,000 | Il-biċċa l-kbira tal-fondi taħt il-V Protokol Finanżjarju Taljan kienu ġew miġbuda fl-2005. |
| Dħul mixxellanju | 29,197,000 | 29,938,000 | 741,000 | - | Dħul aktar milli kien previst minn dħul mixxellanju. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **166,265,000** | **163,634,000** | **5,833,000** | **8,464,000** | |
| **TOTALI TA' DĦUL RIKORRENTI** | **951,546,000** | **965,984,000** | **30,877,000** | **16,439,000** | |

*STATEMENT* NRU. A

**DĦUL 2006 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT<br>Lm | ESTIMU RIVEDUT<br>Lm | BIDLA +<br>Lm | BIDLA -<br>Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 136,000,000 | 74,200,000 | - | 61,800,000 | Il-programm ta' privatiżżazzjoni tal-Gvern għall-2006. |
| *Sinking Funds* ta' self lokali kkonvertit | 10,400,000 | 10,400,000 | - | - | |
| Self Lokali | 0 | 0 | - | - | |
| Self Barrani | 0 | 0 | - | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **146,400,000** | **84,600,000** | **0** | **61,800,000** | |
| **DĦUL GLOBALI** | **1,097,946,000** | **1,050,584,000** | **30,877,000** | **78,239,000** | |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2006: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 749,000 | 739,000 | | 10,000 | |
| 2 Kamra tad-Deputati | 1,186,000 | 1,201,000 | 15,000 | | |
| 3 Uffiċċju ta' l-*Ombudsman* | 180,000 | 180,000 | | | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 850,000 | 850,000 | | | |
| 5 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 7,711,000 | 7,986,000 | 275,000 | | Nefqa akbar mill-istima oriġinali fil-kategoriji tal-Operat u Manutenzjoni u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern tittaffa' b'nefqa anqas milli kienet mistennija fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 6 Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 157,000 | 157,000 | | | |
| 7 Forzi Armati ta' Malta | 13,320,000 | 13,945,000 | 625,000 | | Nefqa akbar milli prevista prinċipalment fil-programm tat-*Third Country Nationals* u fil-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni li tpatti għaliha nefqa anqas mill-istima oriġinali fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 8 Informazzjoni | 607,000 | 607,000 | | | |
| 9 Stamperija tal-Gvern | 594,000 | 564,000 | | 30,000 | |
| 10 Uffiċċju Elettorali | 1,159,000 | 1,293,000 | 134,000 | | Nefqa akbar milli prevista prinċipalment fil-programm tal-*Electoral Commission Activities* . |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2006: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern | 3,529,000 | 3,814,000 | 285,000 | | Nefqa akbar mill-istima oriġinali fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji u tal-Programmi u Inizjattivi (fil-biċċa l-kbira fid-*Detention Service* u *Third Country Nationals*) tittaffa' b'nefqa anqas milli kienet mistennija fil-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern. |
| 12 Servizz Ġudizzjarju | 3,748,000 | 3,821,000 | 73,000 | | Nefqa akbar mill-istima oriġinali fil-kategoriji tal-Operat u Manutenzjoni u tal-Programmi u Inizjattivi tittaffa' b'nefqa anqas milli kienet mistennija fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 13 Gvern Lokali | 11,282,000 | 11,505,000 | 223,000 | | Nefqa akbar mill-istima oriġinali fil-kategorija tal-Pagi u Salarji minħabba impjegati miġjuba mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma. |
| 14 Pulizija | 16,467,000 | 16,720,000 | 253,000 | | Nefqa akbar mill-istima oriġinali fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji u tal-Operat u Manutenzjon prinċipalment minħabba *Utilities* u *Trasport*. |
| 15 Servizzi Korrettivi | 2,782,000 | 2,826,000 | 44,000 | | |
| 16 Protezzjoni Ċivili | 1,418,000 | 1,444,000 | 26,000 | | |
| 17 Taqsima Propjeta' tal-Gvern | 1,929,000 | 1,882,000 | | 47,000 | |
| 18 Diviżjoni tar-Reġistru Pubbliku u ta' l-Artijiet | 1,110,000 | 1,174,000 | 64,000 | | Hu mistenni li n-nefqa fil-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni ser tkun akbar minn dik maħsuba. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2006: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 19 Ministeru tal-Finanzi | 28,366,000 | 29,324,000 | 958,000 | | Nefqa akbar minn dik kalkulata, prinċipalment minħabba Kontribuzzjonijiet tal-*EU Own Resources* tittaffa' b' infiq anqas taħt Programmi tal-*EU Pre-Accession* . |
| 20 Teżor | 5,701,000 | 3,560,000 | | 2,141,000 | In-nefqa fil-kategorija *Salaries and Wages Adjustments* se tkun anqas minn dik kalkulata. |
| 21 Pensjonijiet | 32,834,000 | 32,034,000 | | 800,000 | L-ammont ivvutat taħt *Pensions, Allowances and Gratuties* mhux se jintefaq kollu sa l-aħħar tas-sena. |
| 23 Taxxi Interni | 5,907,000 | 11,398,000 | 5,491,000 | | Nefqa akbar milli prevista taħt *Repayment of Income Tax* se tittaffa' b' infiq anqas fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 24 Dwana | 5,545,000 | 5,255,000 | | 290,000 | In-nefqa fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji u tal-Programmi u Inizjattivi se tkun inqas minn dik prevista. |
| 25 V.A.T. | 3,062,000 | 2,994,000 | | 68,000 | In-nefqa fil-kategorija tal-Pagi u Salarji se tkun inqas minn dak li kien mistenni. |
| 26 Kuntratti | 493,000 | 460,000 | | 33,000 | |
| 27 Politika Ekonomika | 461,000 | 413,000 | | 48,000 | |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2006: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 28 Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol | 44,419,000 | 45,147,000 | 728,000 | | Nefqa akbar milli kienet kalkulata, prinċipalment taħt ic-*Church Schools* li tpatti għaliha nefqa anqas f'*items* oħra fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi. |
| 29 Edukazzjoni | 51,442,000 | 52,124,000 | 682,000 | | Nefqa akbar fil-kategorija tal-Pagi u Salarji, fil-biċċa l-kbira taħt l-*Allowances*, u fil-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni, primarjament taħt Materji u Provvisti u Trasport. |
| 30 Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali | 592,000 | 557,000 | | 35,000 | |
| 31 Libreriji u Arkivji | 690,000 | 665,000 | | 25,000 | |
| 32 Ministeru għat-Turiżmu u Kultura | 4,978,000 | 4,979,000 | 1,000 | | |
| 33 Ministeru għall-Kompetittivita' u l-Komunikazzjoni | 4,633,000 | 4,555,000 | | 78,000 | Nefqa akbar fis Servizzi Kuntrattwali se tittaffa b' nefqa anqas taħt il-*Public Service Obligations*. Barra minn hekk, l-ammont ivvutat taħt il *Pre-Accession Programmes* mhux ser jintefaq kollu sa l-aħħar tas-sena. |
| 34 Kummerċ | 4,010,000 | 2,766,000 | | 1,244,000 | L-ammont ivvutat għas-Sussidji tal-Ikel mhux ser jintefaq kollu sa l-aħħar tas-sena. |
| 35 Konsumatur u Kompetizzjoni | 560,000 | 499,000 | | 61,000 | Hu mistenni li n-nefqa fil-kategorija tal-Pagi u Salarji se tkun anqas mill-istima oriġinali. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2006: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 36 Avjazzjoni Ċivili | 567,000 | 561,000 | | 6,000 | |
| 37 Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura | 17,845,000 | 17,210,000 | | 635,000 | Hu mistenni li n-nefqa prevista oriġinarjament fil-kategorija tal-Pagi u Salarji se tkun anqas sa l-aħħar tas-sena. |
| 38 Ministeru għal Għawdex | 20,672,000 | 20,893,000 | 221,000 | | Nefqa akbar milli prevista fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji, Operat u Manutenzjoni u Programmi u Inizjattivi. |
| 39 Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' | 79,637,000 | 82,032,000 | 2,395,000 | | Nefqa akbar milli prevista fil-kategorija tal-Pagi u Salarji (prinċipalment taħt *Staff - Salaries and Wages* u *Social Security Contributions* ), fil-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni (primarjament taħt *Utilities* ), fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi (il-biċċa l-kbira Mediċini u *Surgical Materials* ) u fil-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern. |
| 40 Anzjani u Kura fil-Komunita' | 15,706,000 | 15,863,000 | 157,000 | | Nefqa akbar milli kalkulata fil-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni (prinċipalment taħt Utilitajiet), ser tittaffa b' infiq anqas fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 41 Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni | 40,533,000 | 37,704,000 | | 2,829,000 | In-nefqa fil-kategoriji tal-Programmi u Inizjattivi u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern se tkun anqas minn dik kalkulata. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2006: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 42 Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent | 26,817,000 | 25,988,000 | | 829,000 | Hu mistenni li n-nefqa taħt dan il-Vot se tkun anqas minn dak ivvutat, l aktar fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi. |
| 43 Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq | 3,952,000 | 4,052,000 | 100,000 | | Hu mistenni li n-nefqa fil-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern se tkun aktar minn dik prevista. |
| 44 Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali | 7,028,000 | 7,474,000 | 446,000 | | Nefqa akbar milli prevista fil-kategoriji tal-Programmi u Inizjattivi (primarjament taħt ir-*Refugee Fund*) u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern, se tittaffa b' infiq anqas fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 45 Sigurta' Soċjali | 67,093,000 | 73,282,000 | 6,189,000 | | Hu mistenni li n-nefqa ser tkun aktar minn dik prevista, primarjament taħt l-Kontribuzzjonijiet tal-Istat tas-Sigurta' Socjali. |
| 46 Benefiċċji tas-Sigurta' Soċjali | 227,600,000 | 231,664,000 | 4,064,000 | | Hu mistenni li n-nefqa ser tkun aktar minn dik kalkulata, prinċipalment fuq il-Pensjonijiet tal-Irtirar. |
| 47 Ħarsien tal-Familja | 442,000 | 417,000 | | 25,000 | |
| 48 Djar | 1,191,000 | 1,187,000 | | 4,000 | |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2006: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 49 Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin | 10,347,000 | 10,235,000 | | 112,000 | In-nefqa fil-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni u taħt l-*item* tal-*Commonwealth Heads of Government Meeting* se tkun anqas milli prevista. |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI** | 781,901,000 | 796,000,000 | 14,099,000 | | |
| 22 Ħlasijiet fuq Self | 87,662,000 | 89,070,000 | 1,408,000 | | Hu mistenni li ser jitħallsu aktar imgħaxxijiet milli previst kemm taħt l-*istocks* tal-Gvern kif ukoll taħt it- *Treasury Bills* . |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | 869,563,000 | 885,070,000 | 15,507,000 | | |

***STATEMENT Ċ***

**NEFQA KAPITALI 2006: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| I | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 1,912,000 | 1,908,000 | - | 4,000 | Nefqa akbar fuq xogħlijiet f'Ċentri tat-*Third Country Nationals* u spiża anqas fuq xi proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. |
| II | Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern | 3,600,000 | 6,330,000 | 2,730,000 | - | Nefqa akbar minħabba ħlasijiet fuq kuntratti għall-artijiet akkwistati mill-Gvern. |
| III | Ministeru tal-Finanzi | 51,542,000 | 48,535,000 | - | 3,007,000 | Dan il-Vot ġie rivedut biex jinkludi fih l-infiq taħt l-*Item* Xiri ta' Propjeta Barranija, li kien oriġinarjament approvdut taħt il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. L-ispiża fuq l-Isptar Mater Dei u l-Informatika hija mistennija tkun aktar minn dik ipprovduta, filwaqt illi l-infiq fuq proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja u l-kontribuzzjonijiet għat-*TCF Advances* se jkun anqas. |
| IV | Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg | 7,139,000 | 7,240,000 | 101,000 | - | Spiża akbar mistennija fuq proġetti ffinanzjati mill-Fondi Strutturali ta' l-Unjoni Ewropea u proġetti Sportivi. Mistenni jkun hemm infiq anqas taħt l-*EU Transition Facility, EU Interreg* u proġetti kapitali ta' l-Universita u ta' l-MCAST. |
| V | Ministeru għat-Turizmu | 11,249,000 | 12,384,000 | 1,135,000 | - | Spiża għola hija mistennija fuq proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja kif ukoll fuq il-kontribuzzjoni mogħtija lil Awtorita' tat-Turizmu. |
| VI | Ministeru għall-Kompetittivita' u l-Komunikazzjoni | 2,172,000 | 1,556,000 | - | 616,000 | Nefqa anqas mistennija fuq proġetti ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u *Transition Facility* ta' l-Unjoni Ewropea. |
| VII | Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura | 2,022,000 | 2,846,000 | 824,000 | - | Nefqa akbar minn dik oriġinarjament ipprovduta minħabba li ġew ipprovduti aktar fondi fuq progetti biex jigi evitat għargħar u għax-xogħolijiet ta' bini / skavar fuq is-sit ta' l-Ambaxxata l-ġdida Amerikana f' Ta' Qali |

*STATEMENT Ċ*

**NEFQA KAPITALI 2006: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VIII | Ministeru għal-Għawdex | 6,168,000 | 6,670,000 | 502,000 | - | Għalkemm se jkun hemm nefqa anqas fuq il-proġett ta' l-Impjant tad-Drenaġġ, se jkun hemm spiża akbar fuq proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. |
| IX | Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' | 2,658,000 | 3,624,000 | 966,000 | - | In-nefqa taħt dan il-Vot mistennija tkun għola minħabba xogħolijiet ta' titjib fin-*National Blood Transfusion Centre* , u r-rilokazzjoni tal-*Medical Stores* . |
| X | Ministeru għall-Investiment, Teknoloġija u l-Informatika | 26,552,000 | 27,072,000 | 520,000 | - | Infiq anqas fuq l-Impjant tad-Drenaġġ fit-Tramuntana ta' Malta li huwa ffinanzjat taħt il-Ħames Protokol Taljan, fil-waqt se jkun hemm spiża akbar fuq il-Programm ta' Privatizzazzjoni, il-*Capital Venture Fund* u żvilupp ta' fabbriki. |
| XI | Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent | 16,265,000 | 15,739,000 | - | 526,000 | L-ispiża fuq proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja mistennija tkun anqas minn dik oriġinarjament ipprovduta. Nefqa għola mistennija mill-*Wasteserv Malta Ltd.* kif ukoll fuq assistenza lill-bdiewa u lis-sajjieda. |
| XII | Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq | 13,111,000 | 14,496,000 | 1,385,000 | - | Nefqa aktar kemm fuq proġetti ta' toroq ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk lokali. Mistenni jkun hemm infiq anqas fuq is-sussidju għax-xiri tal-karozzi tal-linjaġodda. |
| XIII | Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali | 2,802,000 | 1,851,000 | - | 951,000 | Spiża anqas hija mistennija fuq il-kontribuzzjoni mogħtija lil Awtorita' tad-Djar, li ma kinitx meħtieġa din is-sena, u fuq is-sussidji tal-imgħax fuq self għal xiri ta' djar. |
| XIV | Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin | 1,410,000 | 333,000 | - | 1,077,000 | Nefqa anqas taħt l-*EU Transition Facility* u minħabba li l-ispiża fuq il-binja tar-Rappreżentanza Permanenti fi Brussell qed jidher taħt il-Vot Kapitali tal-Ministeru tal-Finanzi. |
| | NEFQA KAPITALI TOTALI | 148,602,000 | 150,584,000 | 1,982,000 | | |